**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Numru: 38 / 2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josef Gauci)**

**vs**

**Arthur Castillo**

Illum, 22 ta' Frar, 2023

Il-Qorti;

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat Arthur Castillo ta' 58 sena imwieled Sliema nhar l-14 ta' Marzu, 1962, iben Arthur u Joan nee' Satariano u residenti 42, St Helen, Flat 3, Triq Norfolk, Sliema u detentur tal-karta tal-identita' numru 222862 M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex):

Talli nhar it-18 ta' Jannar, 2020, f'xi ħin bejn it-tmienja u nofs ta' filgħodu (08:30hrs) u l-ħdax neqsin kwart ta' filgħodu (10:45hrs) fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini, limiti ta' Sannat,

Għawdex u/jew fil-viċinanzi f'dawn il-Gżejjer b'nuqqas ta' ħsieb, jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, involontarjament ikkaġuna l-mewt ta' Christine Gauci u dan bi ksur tal-art 225 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż inkorsi bil-ħatra ta' esperti u/jew periti fl-Inkjesta Maġisterjali li nżammet dwar ir-reati mertu tal-akkużi odjerni, ai termini tal-Artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tat-18 ta' Novembru, 2022, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 225 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil Arthur Castillo ħati tal-imputazzjoni mressqa fil-konfront tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' sentejn priġunerija li bis-saħħa tal-artikolu 28 A (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal perjodu ta' erba' (4) snin. Skont l-artikolu 28 A (4) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati fi kliem ċar u li jiftiehem ir-responsabbiltajiet tiegħu ai termini tal-artikolu 28 B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lil Arthur Castillo jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti, is-somma komplessiva ta' EUR 1,114.55c rappreżentanti żewg terzi (2/3) tal-ispejjeż li tħallsu lill-esperti li ġew nominati fl-istadju tal-Proces Verbal tal-Inkjesta Maġisterjali li nfetħet in konnessjoni ma' dan l-inċident.

Rat ir-rikors tal-appellanti Arthur Castillo minnu ppreżentat fil-5 ta' Diċembru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka u tħassar is-sentenza msemmija u tilliberah minn kull ħtija u piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe':

Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati kienet żbaljata meta rriteniet li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova ness kawżali bejn il-mewt ta' Christine Gauci u l-kondotta kolpuża da parti tal-esponent.

Illi fl-ewwel paragrafu tar-*ratio decidendi* tagħha (p 37 tas-sentenza appellata) il-Qorti għamlet referenza fugaċi għall-konklużjonijiet tal-patoloġisti. Il-kawża, però, ġiet deċiża mingħajr ebda konsiderazzjoni dwar dak li effettivament qalu dawn il-patoloġisti u, kif ser jiġi spjegat iktar 'il quddiem, id-deċizjoni ġiet imsejsa unikament u esklussivament fuq dak li qal Dr. Charles Azzopardi.

Illi l-patoloġisti maħtura fl-inkjesta maġisterjali, Dr. Bridget Ellul u Dr. Michael J. Refalo, ikkonkludew li Christine Gauci kienet mietet "*of natural causes, namely seawater drowning and coronary artery atheroma*". Dan ifisser li l-kawżi tal-mewt kienu tnejn: (i) *seawater drowning*; u (ii) *coronary artery atheroma*. Mill-atti ma jirriżultax li t-tieni kawża tal-mewt indikata – il-*coronary artery atheroma* – kienet il-konsegwenza tal-ewwel waħda indikata – is-*seawater drowning*.

Illi, effettivament, lanqas ma seta' jirriżulta xjentifikament li l-*coronary artery atheroma* kienet il-konsegwenza tas-*seawater drowning* għaliex il-*coronary artery atheroma* tindika arterji li jkunu *diseased* minħabba fatturi estranji għal *drowning*. Infatti fir-rapport tal-patoloġisti ġie kwalifikat li r-*right coronary artery atheroma* kellha 80% *stenosis* li jfisser li l-arterji kienu djiequ b'persentaġġ ta' tmenin fil-mija.

Illi sabiex il-każ tal-prosekuzzjoni jirnexxi, u dan qed jiġi sottomess indipendentement minn diversi fatturi oħra li ser jiġu elaborati iktar 'il quddiem, kellha l-obbligu li tipprova, l-ewwel u qabel kollox, li l-*coronary artery atheroma* seħħet minħabba s-*seawater drowning*, u cioè prova li xjentifikament qatt ma setgħet issir. Ġaladarba ma ġie ppruvat ebda ness kawżali bejn il-*coronary artery atheroma* u s-*seawater drowning*, allura l-mewt ma setgħet qatt tiġi attribwita lill-terza persuna, *multo magis* lil persuna li ma kinitx it-tabib kuranti tad-*decujus* jew, għall-inqas, membru tal-professjoni medika.

Illi huwa għalhekk diffiċli li wieħed jifhem kif il-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjoni li ġie ppruvat ness kawżali bejn il-mewt ta' Christine Gauci u l-kondotta tal-esponent. Jekk il-mewt seħħ minħabba *coronary artery atheroma* indipendentement minn *seawater drowning* dan ifisser li d-*decujus* ma setgħet qatt tiġi salvata minn persuna pajżana u n-ness kawżali hu manifestament nieqes. Qed jiġi ribadit li sabiex il-każ tal-prosekuzzjoni jirnexxi kellu l-ewwelnett jiġi stabbilit, sal-grad taċ-ċertezza morali, li s-*seawater drowning* kienet il-konsegwenza unika tal-*coronary artery atheroma*. Dan mhux biss ma ġiex stabbilit sal-grad rikjest mil-liġi iżda addirittura, kif già ngħad, din il-prova qatt ma setgħet issir għaliex il-*coronary artery atheroma* tfisser arterji difettużi.

Illi għal din ir-raġuni biss l-esponent kellu jigi lliberat mill-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Illi t-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li, mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, il-Qorti tal-Maġistrati ma kellha qatt tistrieh esklussivament fuq il-konklużjonijiet ta' espert li ġie nominat fl-inkjesta maġisterjali u li mar ben oltre n-"nomina" u l-kapaċitajiet tiegħu.

Illi għandu mill-ewwel jiġi rilevat li l-Maġistrat Inkwirenti ġiet rinfaċċata b'konklużjonijiet kunfliġġenti ta' żewġ esperti. L-espert legali Dr. Jean Paul Grech ikkonkluda li ma kienx hemm lok fuq bażi ta' *prima facie* li jittieħdu xi passi kriminali kontra xi persuna jew persuni b'rabta mal-mewt ta' Christine Gauci. Mill-banda l-oħra d-*diving fatalities expert* Dr. Charles Azzopardi qal li għalkemm il-fatti primarji u kontributorji tal-mewt kienu attribwibbli lill-istess Gauci, l-esponent kellu xorta jirrispondi għal negliġenza u ommissjoni. Il-Qorti tal-Maġistrati, fil-konklużjonijiet tagħha, addirittura injorat għal kollox il-konklużjonijiet tal-espert legali.[1]

Illi għandu jiġi rilevat ukoll li Dr. Charles Azzopardi ma ngħata ebda nomina speċifika. Għalkemm skont ċerta ġurisprudenza dan il-fatt ma jġibx in-nullità *per se* tar-rapport tiegħu, ma jistax ikun hemm dubju li espert ma għandu qatt jagħti opinjonijiet fuq kwistjonijiet li ma humiex ta' kompetenza tiegħu. Il-kwalifiċi ta' Dr. Charles Azzopardi fir-rigward ta' *diving fatalities* huma bl-akbar rispett suspetti u, sforunatament, fis-sistema penali nostrana persuna akkużata ma tistax tqabbad espert *ex parte*. Però, ġaladarba dan l-espert, li jidher mill-kwalifiċi tiegħu indikati fir-rapport li huwa tabib, għoġbu jesplora kamp li huwa wieħed strettament legali, il-Qorti tal-Maġistrati, u l-Maġistrat Inkwirenti qabilha, kellhom jiskartaw dawk il-partijiet tar-riżultanzi tiegħu li jmorru oltre n-"nomina" u l-kapaċitajiet tiegħu. L-esponent qed jirreferi ghal dawk il-partijiet tar-rapport tiegħu fejn għoġbu jikkummenta dwar *actus reus*, *mens rea*, negliġenza u ommissjoni. Dak li jirrendi kollox iktar gravi huwa l-fatt li l-Qorti straħet esklussivament fuq opinjoni legali mogħtija minn persuna li ma għandha ebda kwalifiċi fil-kamp legali. U dan qed jingħad indipendentement mill-fatt li Qorti qatt ma għandha tistrieħ fuq opinjonijiet ta' natura legali ta' esperti, ikunu min ikunu. Dawn l-opinjonijiet jirrientraw fil-mansjoni esklussiva tal-ġudikant u kwalsiasi

[1] Il-Qorti għamlet biss referenza għax-xhieda tax-xhieda li ddeponew quddiem dan l-espert.

tentattiv minn esperti li jagħtu opinjonijiet legali jikkostitwixxi użurpazzjoni manifesta ta' din il-mansjoni li m'għandha qatt tiġi permessa.

Illi, bla preġudizzju għal dak premess, jekk però il-Qorti tal-Maġistrati ħasset in-neċessità li tistrieħ fuq opinjoni legali, l-espert legali Dr. Jean Paul Grech – li huwa magħruf fil-kamp legali bħala avukat preparat u erudit – kellu jingħata ferm iktar importanza minn persuna li ma għandha ebda kwalifika f'dan il-kamp. Kif ser jiġi spjegat fir-raba' aggravju, dak li jikkostitwixxi negliġenza li twassal għal reità hija kwistjoni ta' natura legali u eżami dwar jekk jirriżultax *culpa* o meno għandha ssir biss minn persuna li għandha konoxxenza profonda tal-liġi, tad-dottrina u tal-ġurisprudenza in materja. Lanqas ma huwa neċessarju li jiġu ċitati paragrafi twal minn dottrina u ġurisprudenza; dak li hu neċessarju hu li l-prinċipji li jemanu minn dawn is-sorsi legali jiġu applikati għall-fatti partikolari tal-każ. U huwa proprju dak illi għamel l-espert legali. Għalhekk, jekk il-Qorti ħasset in-neċessità li tistrieħ fuq xi opinjoni legali ta' espert nominat fl-inkjesta, l-opinjoni ta' Dr. Jean Paul Grech kienet ċertament l-unika waħda idonea fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi l-Maġistrat Inkwirenti skartat il-konklużjonijiet tal-espert legali peress li ma għamilx analizi tad-*data* li kienet tinsab fil-*computer* tad-*decujus* u tal-esponent u ma analizzax ir-rapport[2] li kellu jkun hemm bejniethom. Frankament, minn aspett ta' applikazzjoni ta' liġi, din l-analiżi ma kinitx neċessarja. Semmai huwa ferm aktar gravi l-fatt li espert dwar *diving fatalities* jasal għal konklużjoni dwar responsabbiltà penali mingħajr ebda analiżi jew aċċenn għall-kawża tal-mewt. Ma jistax ma jiġix sottomess li dan in-nuqqas juri predispożizzjoni preokkupanti li tiġi akkollata xi forma ta' ħtija, nonché kontributorja, fuq l-esponent. Dan qed jingħad għaliex huwa evidenti, kif ġie

[2] Bil-kelma "rapport" l-esponent qiegħed jifhem li qed issir referenza għar-relazzjoni bejn *buddy divers*.

spjegat fl-ewwel aggravju, li *coronary artery atheroma* tinnewtralizza għal kollox dawk il-konklużjonijiet tiegħu li huma ta' natura legali.

Illi, in vista wkoll tal-fatt li s-sentenza appellata hija msejsa unikament u esklussivament fuq opinjonijiet ta' natura legali mogħtija minn persuna li ma għandha ebda kwalifiċi f'dan il-kamp, l-esponent għandu jiġi liberat mill-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Illi t-tielet aggravju jikkonsisti fil-fatt li, mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti, sabiex irriskontrat reità fl-esponent, il-Qorti tal-Maġistrati erronjament tat importanza lill-proċedura magħrufa bħala l-*buddy system*.

Illi huwa risaput li r-responsabbiltà kriminali tista' tkun jew personali jew vikarja. Hija personali meta r-reat jiġu kommess mill-persuna nnifisha u hija vikarja meta r-reat jiġi kommess minn soċjetà li fiha l-persuna jkollha ċerta kariga, bħal per eżempju dik ta' direttur jew *manager*. F'dan l-aħħar każ għalkemm ir-reat ma jkunx ġie kommess mill-persuna fil-kariga msemmija, hija tirrispondi kriminalment għall-aġir tas-soċjetà proprju minħabba dik il-kariga. Issa fil-każ in diżamina l-esponent ġie akkużat personalment u mhux vikarjament u, fi kwalunkwe każ, ma kien qed jokkupa l-ebda kariga f'xi soċjetà liema kariga setgħet tiskatta xi forma ta' responsabbiltà vikarja. Jiġifieri qiegħed jingħad mingħajr tlaqliq li l-*buddy system* ma toħloq ebda ness ġuridiku bejn il-persuni li jkunu qegħdin jattwawha. Lanqas ma jeżistu xi liġijiet jew regolamenti li jirregolaw il-*buddy system*. Dan ifisser li f'każ ta' xi ksur jew vjolazzjoni tar-regoli ta' din is-sistema, ma tistax tapplika dik il-parti tas-subartikolu (1) tal-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali li titkellem fuq "*nuqqas ta' tharis ta' regolamenti*". Dan qiegħed jingħad mingħajr preġudizzju għall-fatt li, kif ser jiġi elaborat fir-raba'

aggravju, l-esponent ma kiser ebda proċedura ta' din is-sistema u l-event dannuż kien dovut unikament għall-aġir u/jew iċ-ċirkostanzi mediċi tad-*decujus*.

Illi dan qed jingħad għaliex f'dan il-każ saret referenza preponderanti għall-*buddy system*. L-espert Dr. Charles Azzopardi spjega l-*buddy system* b'dan il-mod: "*[t]he whole scope of the diving buddy system is for the two divers to be close to each other to assist each other in any untoward event during the dive*". Sa hemmhekk Azzopardi kien relativament korrett. Però ma kienx kuntent li jassisti lill-Maġistrat Inkwirenti (u eventwalment lill-Qorti) b'din l-ispjegazzjoni u allura żied jgħid hekk: "*[t]he assumption that Ms. Gauci was safe on the surface and swimming back to shore, when no such contact and reasoning was made between the two divers, proved to be highly significant as it ensured the omission of a rescue attempt*".

Illi din l-asserzjoni turi nuqqas ta' korrettezza da parti ta' dan l-espert. Huwa evidenti mir-rapport tiegħu li huwa kien konsapevoli mill-fatt li fl-awtopsja kienet instabet "*80% stenosis of the right coronary artery*". Għalhekk kien jaf ukoll li waħda mill-kawżi tal-mewt kienet proprju *coronary artery atheroma*. L-espert ma għamel ebda referenza diretta għal dan il-fatt mediku. Kien għalhekk bl-akbar rispett irresponsabbli da parti tiegħu li jitkellem fuq "*omission of rescue attempt*" mingħajr ma qal li r-*rescue attempt* da parti tal-esponent qatt ma seta' jkollu suċċess in kwantu l-uniku mod kif setgħet tiġi salvata l-ħajja ta' Gauci kienet bl-applikazzjoni immedjata ta' defibrillatur – applikazzjoni li, fi kwalunkwe każ, ma setgħetx issir mill-esponent. U l-espert lanqas ma qal li l-ħajja ta' Gauci setgħet tiġi salvata biss fil-każ li, meta telgħet f' wiċċ l-ilma, kienet għadha ħajja – fatt li ma jista' qatt jiġi stabbilit[3]. Kif già ntqal, jidher mill-

[3] Għalkemm ix-xhud Joseph Caruana jgħid li ra lid-*decujus* tiċċaqlaq f'wiċċ l-ilma u anke ra bżieżaq tal-arja ħerġin, ma ġiex stabbilit xjentifikament li hija kienet għadha ħajja dak il-ħin jew, fl-agħar ipotesi għall-esponent, f'liema stat kienet u setgħetx tiġi salvata l-ħajja tagħha f'dak il-ħin.

kwalifiċi ta' dan l-espert li huwa tabib mediku. Huwa ferm stramb kif il-konklużjonijiet tiegħu huma nieqsa minn dak li kien strettament neċessarju (u fil-kompetenza tiegħu ta' tabib), liema konklużjonijiet setgħu ċertament jassistu lill-Maġistrat Inkwirenti tasal għall-konklużjonijiet tagħha; fl-istess ħin dan l-espert ma qagħadx lura milli jażżarda konklużjonijiet ta' natura legali li, kif ingħad, huwa kamp kompletament aljen għall-kompetenzi tiegħu.

Illi, ghalhekk, qed jiġi sottomess li l-esponent ma kellu qatt jiġi attribwit b'negliġenza kriminali in bażi għall-fatt li, flimkien mad-*decujus*, kien qiegħed jadopera l-*buddy system* in kwantu din il-proċedura ma tikkrea ebda obbligu legali fuqu. Lanqas ma jista' jiġi dubitat li l-Maġistrat Inkwirenti u l-Qorti tal-Maġistrati ġew żvijati bil-konklużjonijiet inkompleti u ażżardati tal-espert Dr. Charles Azzopardi.

Illi r-raba' aggravju jikkonsisti fil-fatt li, mingħajr preġudizzju għall-aggravji preċedenti, l-esponent ma kien bl-ebda mod negliġenti fl-aġir tiegħu u l-*coronary artery atheroma* riskontrata fid-*decujus* mill-patoloġisti ma kinitx, fi kwalunkwe każ, prevedibbli.

Illi l-esponent ġie misjub ħati ta' omiċidju involontarju li huwa reat kolpuż. Fis-sentenza klassika tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Perit Louis Portelli, B.E. & A.,A.&C.E.*** *(04.02.1961 – Kollez. XLV.iv.870)*, mogħtija mill-kompjant Imħallef J. Flores, liema sentenza ġiet ċitata b'approvazzjoni kemm-il darba mill-Qrati tagħna, intqal hekk fir-rigward tal-*culpa* fil-liġi tagħna:

> "Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"),

traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b' ness ta' kawzalità minn event dannus involontarju;

"Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu isir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioè, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilità normali: kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran libertà di valutazione" (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46);".

Illi din l-espożizzjoni dejjem serviet ta' bażi għall-*culpa* fil-kamp penali Malti. Inoltre, kif qal Sir Anthony Mamo (*Notes on Criminal Law*, Vol 1, p 67), sabiex tirriżulta responsabbiltà penali dwar offiża ta' natura involontarja, huwa neċessarju li l-ħsara tkun prevedibbli.

Illi Francesco Antolisei, fil-ktieb tiegħu *Manuale di Diritto Penale, Parte Generale* (Giuffrè, 1997, 14° ed, p 364), jgħid hekk:

"Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimi tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilità del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: La colpa si definisce la

volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e *prevedibili* del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perché l' essenza della colpa sta nella prevedibilità ."

Illi din hija t-teżi li dejjem ġiet aċċettata mill-Qrati tagħna. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Richard Grech*** *(21.03.1996)*, ġie deċiż li jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna tagħmel dak li hu raġonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannużi ta' għemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtù, tikkonsisti filli wieħed jagħmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setgħu jikkaġunaw ħsara. It-traskuraġni, mill-banda l-oħra, timplika ċerta non-kuranza, ċertu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiż-żewġ każijiet, però, il-ħsara tkun prevedibbli għalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wieħed ikun qiegħed fil-kamp doluż b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni pożittiva indiretta.

Illi bilkemm hemm għalfejn jingħad li n-nuqqas ta' ħsieb, it-traskuraġni, in-nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew in-nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, li huma kriterji alternattivi, iridu jirriżultaw mill-provi kollha u mhux jiġu preżunti biss mill-event dannuż.

Illi Sir Anthony Mamo (*Notes on Criminal Law*, Vol. 1, pp. 70-71), meta jittratta l-istitut tal-*culpa*, jagħmel id-domanda: *"What measure of care does the law demand?"* u jirrispondiha b'dan il-mod:

"It does not demand the highest degree of care of which human nature is capable. I am not liable for harm involuntarily done by me merely because by some conceivable exercise of prudential foresight I might

have anticipated the event and so avoided it. Our Code – as Impallomeni aptly remarks with reference to the Italian Code (Colpa e omicidio colposo, P 14) – makes negligence consist in imprudence, carelessness, unskilfulness in an act or profession, etc., and imprudent is he who is not prudent, not he who is most prudent; unskilled is he who is not skilled, not he who is not skilled in a superlative degree. The law demands not that which is conceivably possible but that which is reasonable. Were men to act on any other principle but this, excess of caution would paralyse the business of the world. Inasmuch as the carrying of fire-arms and the driving of horses or of cars are known to be the occasion of frequent harm, extreme care and the most scrupulous anxiety as to the interests of others, would prompt a man to abstain from these dangerous forms of activity. Yet it is expedient in the public interest that these activities should go on: consequently, the law does not insist on any standard of care which would include them, as such, within the limits of culpable negligence.

"The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do". "We ought", it has also been said, "to adhere to the rule which requires in all cases a regard to caution such as a man of

ordinary prudence would observe... The care taken by a prudent man has always been the rule".”

Illi, kif intqal mill-Imħallef Flores, *supra*, il-kondotta negliġenti tal-aġent trid tkun <u>segwita b'ness ta' kawżalità</u> minn event dannuż involontarju sabiex tiġi riskontrata reità kriminali. Kif intqal fl-ewwel aggravju, dan in-ness ta' kawżalità huwa nieqes f'dan il-każ. Però, qabel ma wieħed jeżamina jekk jeżistix dan in-ness, irid neċessarjament jiġi stabbilit mill-prosekuzzjoni li l-kondotta tal-aġent kienet kolpuża.

Illi meta wieħed japplika l-prinċipji premessi għall-każ in diżamina, huwa evidenti li d-domanda li kellha tponi l-Qorti tal-Maġistrati sabiex tara jekk ġietx riskontrata din ir-reità kolpuża fl-esponent kienet is-segwenti: kien oġġettivament prevedibbli għalih li d-*decujus* kellha 80% *stenosis* fir-*right coronary artery* li kienet ser twassal għal *coronary artery atheroma*? Ir-risposta ma tistax ma tkunx fin-negattiv u għalhekk l-esponent kellu jigi lliberat mill-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Illi, però, fir-rapport tiegħu Dr. Charles Azzopardi għażel li jwarrab dan il-fatt tant importanti u għamel is-segwenti konklużjonijiet:

> “*Although the primary and contributing factors are mostly, alas, attributable to the diver herself, the provision of air and unfamiliar equipment, followed by a negligent omission of a rescue attempt and assumption of safety when no assumption could or should have been made, made the final outcome inevitable. Although actus reus or mens rea cannot be implied, negligence and omission are still evident from Mr. Castillo' s side.*”

Illi huwa pjuttost ironiku li l-espert jikkritika dak li jsejjaħ assunzjonijiet meta l-konklużjonijiet tiegħu huma msejsa fuq assunzjonijiet li jiddipartixxu mir-riżultanzi patoloġiċi. Huwa evidenti li l-*culpa* huwa kunċett legali estranju u aljen għall-kompetenzi tiegħu. Ir-referenza li huwa għamel għall-*actus reus* u l-*mens rea* hi indikazzjoni ċara ta' dan in kwantu l-fatti riskontrati f'dan il-każ jeskludu kemm l-*actus reus* kif ukoll il-*mens rea*.

Illi l-punt kruċjali – li ġie kompletament injorat minn dan l-espert – ma huwiex jekk ir-*rescue attempts* sarux b'mod korrett imma jekk dawk ir-*rescue attempts* setgħux isalvaw il-ħajja tad-*decujus*. Il-fatti relevanti għas-soluzjoni ta' din il-vertenza huma s-segwenti:

- Christine Gauci kienet *diver* b'iżjed esperjenza minn dik tal-esponent. Infatti hija kienet *diver* professjonali in kwantu impjegata mill-Forzi Armati proprju għal dan ix-xogħol. Gauci kienet ukoll *instructor*;
- Id-diffikultajiet inizzjali riskontrati minn Gauci meta kienet taħt l-ilma ġew kollha indirizzati mill-esponent meta hu kien f'pożizzjoni li jindirrizzahom;
- Gauci ssorprendiet lill-esponent meta sparat 'il fuq u l-esponent ma setgħax jitla' warajha bl-istess mod li telgħet hi mingħajr ma jagħmel *decompression* għaliex kien jipperikola s-saħħa tiegħu (b'konsegwenzi bħal paralisi) jew addirittura jipperikola l-ħajja tiegħu;
- Hija regola kardinali tal-*first aid* li sabiex tassisti lil ħaddiehor m'għandekx tpoġġi ħajtek fil-periklu;
- Ma teżisti ebda prova tal-ħin eżatt tal-mewt ta' Gauci u cioè ma teżisti ebda prova inkonfutabbli dwar jekk Gauci telgħetx f'wiċċ l-ilma ħajja jew mejta;
- Il-fatt li Gauci sparat 'il fuq – azzjoni anormali għal persuna bl-esperjenza tagħha fid-*diving* – tfisser li seħħ event drammattiku mhux fil-kontroll tal-esponent li probabbilment kienet il-konsegwenza tal-*coronary artery atheroma*;

- Waħda mill-kawżi tal-mewt ta' Gauci kienet *coronary artery atheroma*, u cioè fattur estranju għaċ-ċirkostanzi kollha li seħħew fit-18 ta' Jannar, 2020;
- Li kieku, għall-grazzja tal-argument, Gauci kienet għadha ħajja meta telghet f'wiċċ l-ilma, ic-CPR (*cardiopulmonary resuscitation*) kien ikun inutili mingħajr l-applikazzjoni ta' defibrillatur;
- Infatti l-espert Lino Vella Brincat xehed fil-Qorti li kien ikun impossibbli għall-esponent li jsalva l-ħajja ta' Gauci jekk hi kienet għadha ħajja meta telgħet f'wiċċ l-ilma.

Illi dawn il-fatturi kollha ġew injorati mill-espert Dr. Charles Azzopardi. Huwa evidenti li ma jeżisti, u *multo magis* ma ġie ppruvat, ebda ness bejn il-mewta traġika ta' Christine Gauci u l-aġir tal-esponent. Huwa evidenti wkoll li ma ġie riskontrat ebda aġir kolpuż da parti tal-esponent. Anke għalhekk kellu jiġi lliberat mill-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti rat l-aggravji mressqa mill-appellant u sussegwentament fliet l-atti proċesswali, b'mod partikolari l-evidenza li ġiet imressqa quddiem l-Ewwel Qorti.

**<u>L-appellant Arthur Castillo</u>**[4] rrilaxxa **<u>stqarrija</u>** nhar it-8 ta' April 2021 fejn stqarr illi huwa huwa direttur tal-Vascas Enterprise Limited u li ilu jaħdem f' dan ix-xogħol għal ħamsa u għoxrin (25) sena. Huwa qal li ma għandux laqam, qiegħed fil-proċess ta' separazzjoni u li għandu żewġt itfal. Spjega li huwa jgħix mal-partner tiegħu Christina Micallef. Mistoqsi jekk qatt kellux każijiet oħrajn mal-pulizija, huwa wieġeb fin-

[4] Fol. 15 et seq. tal-proċess.

negattiv. Spjega li nhar it-tmintax (18) ta' Jannar 2020 kien miftiehem ma' Christine Gauci biex imorru *diving* flimkien ma' erbat iħbieb oħra. Fuq il-vapur ta' Għawdex, meta huwa kien mal-partner tiegħu, iltaqghu ma' Christine Gauci li kienet għadha ġejja mix-xift tax-xogħol mal-armata. Hu qal li Gauci kienet qaltilhom li kienet ilha ma torqod xi għoxrin (20) siegħa minħabba x-xogħol. Il-partner tiegħu kienet qalet lil Christine għal diversi drabi anke meta waslu Mġarr ix-Xini sabiex ma togħdosx u joqogħdu jieħdu kafe' flimkien iżda hija qalet li bil-baħar tiġi f'tagħha. Spjega li huwa mar bil-karozza tiegħu Imġarr ix-Xini u ltaqghu ma' Christine Gauci u sħabhom hemmhekk. Spjega li l-*boyfriend* ta' Christine Gauci kellu jiġi hemmhekk bil-kelb biex jiltaqa' ma' Christine il-partner tiegħu għax din ma kinitx togħdos. Spjega li meta saret id-dive, huwa kien par ma' Christine Gauci. Kien hemm ukoll Joseph u John Wood bħala par, u Fritz u Darco bħala par ieħor. Id-dive saret fit-8.30am jew fid-9.00am. Hu spjega illi ħarġu minn mal-blat man-naħa tax-xellug taħt il-baħar. Kif daru fuq ix-xellug, bdiet l-ewwel problema ta' Christine Gauci fejn din bdiet qisha qed titlef il-bilanċ u huwa ta l-għajnuna sabiex terġa' ssib il-*buoyancy* tagħha. Spjega li kif niżżilha, huwa staqsiha jekk kinux ser ikomplu jew imorru lura b'sinjali b'idejja u huwa spjega li hija qaltlu b'idejha li riedet tkompli. Huwa qal li dak il-ħin kienu xi sittax (16) jew timintax (18) metru fil-fond, baqgħu sejrin u fondew qisu tmienja u għoxrin (28). Gauci reġa' kellha problema u hu kellu jiġbidha l-isfel u jiżvojtjala l-arja għax kellha wisq. Gauci nqabdet ukoll ma' xibka tas-sajd iżda affarijiet żgħar. Hu reġa' staqsa lil Gauci jekk riditx tkompli jew imorrux lura għat-tieni darba u hija kienet qaltlu li riedet tkompli. Hu kien qal lil Gauci sabiex ma jibqgħux daqshekk fil-fond. Kien qalilha sabiex iduru lura u hi qablet miegħu u bdew deħlin il-ġewwa. Kif kisru l-kisra għal ġewwa Mġarr ix-Xini Gauci kellha problema oħra. Hi kienet qegħda titla, tilfet il-bouyancy, u tajtha żewġ ċombiet minn tiegħu li kienu bil-clip. Hi qabdet ukoll ġebla mill-qiegħ. Hu kkalmaha, qalilha sabiex joqogħdu ftit hemm jew jipproċedu sabiex jidħlu l-ġewwa. Gauci kienet qaltlu sabiex ikomplu jidħlu iżda hu kien ftit ħafif peress

li kien taha żewġ kilos ċomb minn tiegħu. Kif dawwar wiċċu, Christine Gauci sparat il-fuq u ma laħaqhiex, kienu madwar ħmistax (15) u sittax (16) metru fond. Hu ra l-ġebla nieżla fil-qiegħ u ra li kellha l-bailout. Hu ma setax jitla għax kien ħafif u fil-pront ġie Joseph Caruana u kien staqsieh fejn kienet Christine u hu kien wieġbu li din kienet dieħla ġewwa għall-wiċċ. Hu għamel emergency ascent u ra lil xi ħadd ieħor fil-bogħod fuq l-art bid-dry suit sewda. Hu ħaseb li din kienet Christine, iżda mill-viċin induna li kien Gordon. Kien hemm John Wood u staqsieh fejn kienet Christine. Spjega li huwa qallu li dik kienet telgħet fis-*surface.* Spjega li stennew ħames (5) minuti u Christine ma dehritx. Qal li bdew it-tfittxijiet u Christine nstabet wiċċha 'l isfel 'il ġewwa mal-blat. Spjega li Gordon jew Joseph kienu raw għajnejn Christine bojod u raw ragħwa f'ħalqa filwaqt li ppruvaw jonfħulha d-*dry suit* biex jgħinha titla' fuq id-dgħajsa tal-Forzi Armati iżda ma sabx arja. Huwa qal li l-ambulanza ġiet mitluba li tiġi fuq il-post. Spjega li huwa u Joseph Caruana spiċċaw għat-terapija. Sakemm ġiet id-dgħajsa tal-Forzi Armati, huwa qagħad fuq il-blat. George Camilleri ġie infurmat minn John Wood u kulħadd spiċċa l-Għassa tar-Rabat, Għawdex. Bhala *equipmen*t, Christine Gauci kellha twin set, *8 litre 300 bar twin set.* Spjega li dan it-twin set kien tiegħu, kollox kien proprjeta' tiegħu ħlief għad-*dry suit.* Spjega li t-*twin set* kien ilu *serviced* erba' (4) xhur. Huwa qal li Lino Brincat kien għamillu s-*service.* Spjega li Christine kellha wkoll ir-*rags* tiegħu li kienu Apex isservizzjati wkoll. Spjega li ċ-ċilindri tal-arja kienu tiegħu u l-equipment l-ieħor tiegħu kienu għandha għax kienet ilha togħdos bihom xi erba' (4) jew sitt (6) xhur. Spjega li hu u Christine Gauci kienu jagħmlu ħafna *dives* flimkien u huwa għandu kompressur bil-konsegwenza li kien jimla ċ-ċilindri hu stess biex jiffrankalha xi ħaġa. Spjega li Christine kellha l-*wing* tiegħu servizzjat. Il-bail out ma kienx proprjeta' tiegħu. Ikkonferma li Christine Gauci kienet *instructor u free diver* ukoll. Spjega li huwa ddispjaċih għal li ġara u li kien staqsiha darbtejn jew tlieta kemm kellha arja lil Gauci, u li fid-darbtejn li kellha l-problemi, huwa għenha. Spjega li huwa jmur ta' spiss iżurha fuq il-qabar tagħha.

**<u>Arthur Castillo</u>**[5] xehed ukoll fl-atti tal-Inkjesta nhar it-tmintax (18) ta' Jannar 2020 fejn spjega li Christine Gauci kienet *night shift* il-Mosta u kienu miftehma li jaqbdu l-vapur tas-sitta u nofs ta' filgħodu (6.30am) lejn Għawdex. Spjega li kienu ser ikunu tmien (8) bugħaddasa. Huwa spjega li miegħu kien hemm il-partner tiegħu Christina Micallef. Spjega li fuq il-vapur, Christine Gauci nfurmathom li ma kinitx raqdet dak il-lejl u l-partner tiegħu offrietilha li toqgħod magħha jieħdu kafe minflok tagħmel id-dive u hu wkoll kien qal lil Gauci li kellu ma' min jogħdos iżda din qaltilhom li l-baħar iqajjimha. Mistoqsi mill-Maġistrat Inkwerenti jekk dan id-diskors sarx iċ-Ċirkewwa, hu kkonferma li dan id-diskors sar qabel qabdu l-vapur. Hu qal li t-tfajla tiegħu kienet ser tiġi kkumpanjata minn George, il-*boyfriend* ta' Gauci li kien ser ikun hemm bil-kelb. Hu qal li marru Mġarr ix-Xini bil-karozzi. Gauci kienet marret ma' Darco tiġbor xi affarijiet u hu kien iffolowja lil xi ħadd sa Mġarr ix-Xini. Spjega li anke meta kienu Mġarr ix-Xini, il-partner tiegħu reġgħet qalet lil Christine biex din toqgħod magħha u ma togħdosx wara li din kienet qaltilha li kienet ilha għoxrin 20 (siegħa) mqajma, iżda Christine irrifjutat. Spjega li l-*equipment* li kienet ser tuża ġabithu Christine iżda huwa kien ġab iċ-ċilindri. Spjega li huwa kien qed jipprepara billi jiċċirkola l-arja tiegħu peress li huwa għandu *re-breather close circuit*. Spjega li kien qed jagħmel il-*pre-breathe* biex jaraw li c-cells kollha qed jaħdmu u li l-apparat qed jaħdem kollu. Spjega li ġiet ittestjata wkoll il-*bailout*. Kien hemm lista ta' affarijiet oħra li ġew iċċekjati qabel jinżlu fl-ilma. Spjega li saret ukoll il-*bubble check*. Spjega li malli tlesta kollox, Christine kienet gia' qed tistennieh fil-baħar. Spjega li Christine Gauci kienet ser tagħmel id-dive b' *open circuit* normali u għalhekk ma kellhiex bżonn tagħmel dawk il-verifiki. Din kienet ser tibda tagħmel mode 1 u cioe' *re-breather* f'Marzu. Spjega li huwa kien il-*buddy* ta' Christine f'din id-dive. Spjega li kien ser jogħdos magħha u jkunu flimkien. Spjega li

[5] Fol.35 et seq tal-proċess.

huwa segwa lil Christine peress li huwa qatt ma kien għodos minn din in-naħa. Spjega li kienu ftehmu li jmorru fuq ix-xellug. Spjega li Christine Gauci kellha *twin set cylinders* fuq daharha li kienu marbuta b'manifold. Spjega li l-arja toħrog miż-żewġ ċilindri u dawn kienu proprjeta' tiegħu flimkien mar-regulators u l-*wing* ukoll. Hu spjega li kollox kien *serviced.* Spjega li huwa kien taha l-*wing* li żżommok *buouyant* biex titla' u tinżel. Spjega li huwa per eżempju għandu bżonn ħafna piż għax ġismu jrid ħafna toqol u fin-nuqqas huwa ma jinżilx. Spjega li l-*back plate* tiegħu tal-*istainless steel* tiżen ħames (5) kilos u l-istand tiżen żewġ kilos u nofs (2.5) kilos. Spjega li huma daru fuq ix-xellug u seħħ l-ewwel inċident fejn ra lil Christine tiela'. Spjega li l-*buoyancy* tagħha ma żammitux tajjeb iżda wara li għenha, hija qaltlu li kollox okay. Spjega li xħin staqsiha xi ġralha u jekk riditx tmur lura, din qaltlu biex ikomplu. Spjega li x'ħin staqsiha kemm kellha arja, kienet weġbitu li kellha two thirty (230) minn three hundred (300) bar. Spjega li Christine kienet telgħet kważi fil-wiċċ xi erbatax (14) -il metru l-fuq. Spjega li d-*dive* kompliet u niżlu madwar sitta' u għoxrin (26) metru. Spjega li f'ħin minnhom il-fin ta' Christine nqabdet ma' xibka tas-sajjieda. Spjega li huwa ġibidha u qabadha għax kienet reġgħet tilfet il-*buoyancy.* Spjega li huwa qabadha għax kienet telgħet biss xi metru. Spjega li dawwar idejh magħha b'daharha lejh. Spjega li qabdilha l-*inflator* u neħħielha l-arja. Hu qal li neħħielha x-xibka u kkalmaha. Spjega li staqsiha jekk riditx tkompli iżda din qalet li riedet tkompli. Spjega li staqsiha kemm kellha arja u din irrispondiet *one hundred sixty (*160) minn *two thirty* (230). Kompla jgħid li baqgħu jimxu u meta għadda ftit ħin staqsiha kemm kellha arja u infurmatu li kellha *one ten* (110). Spjega li huwa qalilha biex jimxu lura. Iżda hi riedet tkompli. Spjega li huwa qalilha li mbagħad kien ser ifehma wara għalfejn kien hemm bżonn li jidħlu lura iżda talabha li jidħlu lura. Spjega li huwa kien ser ifehma x'ħin jaslu lura, li peress li kienet se tagħmel it-*technical diving* f'Marzu, hija kellha tibda taħseb għal ħaddiehor li jkun magħha. Hu spjega li bdew tilgħin ftit ftit u ħin minnhom ra lil Christine taqbad ġebla. Hu staqsiha x'kien ġara u reġa' żammha miegħu. Spjega li huwa ħaseb li

Christine għandha *buoyancy issue* minħabba li ma kinitx raqdet. Spjega li meta taha ċ-ċomb tiegħu u din ikkalmat. Spjega li staqseiha jekk riditx li jmorru lura jew jekk joqgħodux ftit hemm, iżda qaltlu biex jibdew deħlin. Spjega li kif kienu lesti biex jitilqu u dar biex jibdew deħlin, Christine sparat 'il fuq. Spjega li huwa raha ddawwar idejha maċ-ċilindru tagħha. Hu spjega illi l-*bailout* huwa ċilindru extra li fil-każ ta' Christine kien fih l-ossiġnu u fil-każ tiegħu kien fih arja. Spjega li fil-pront ġie Joseph Caruana u staqsa fejn hi Christine u huwa spjegalu li Christine kienet dieħla 'l ġewwa. Hu kkonkluda hekk għaliex ma kinux fondi, raha tiela' u raha ddawwar idha maċ-ċilindru taghha li kellu 50% u rraġuna mela li ok kienet qabditu. Hu qal mela kienet ippoppjat u daħlet il-ġewwa u kompla sabiex jispjega illi huma ma kinux 'il bogħod ħafna. Huma kienu madwar sittax (16) jew sbatax (17)-il metru fond u hu u Caruana daħlu lura flimkien. Hu spjega illi kellu issue sabiex jitla' għaliex kellu żewġ (2) kilos neqsin. Hu kkonferma li huma kienu *buddies* u li kienu flimkien iżda hi sparat 'il fuq u hu ma setax jitla' warajha għax hu kien taha ċ-ċomb tiegħu u kien jispiċċa b'emboliżmu. Għalhekk hu spjega illi ma setax jitla' warajha għaliex kieku tela' nofs metru b'żewġ (2) kilos neqsin kien jippoppja 'l fuq. Hu kompla jispjega kif qabad żewġ ġebliet u għamel *controlled ascent* bil-ġebel. Spjega li malli tela', staqsewh fejn kienet Christine. Spjega li huwa u l-oħrajn bdew ifittxu lil Christine u Wood ċempel lil 112.

Mistoqsi minn Dr. Charles Azzopardi, hu kkonferma illi r-*regulators*, iċ-ċilindri u l-*wing* li kellha Christine, kienu proprjeta' tiegħu. Spjega li ċ-ċilindri kienu tal-isteel u kienu seven (7) three hundred (300) bar. Ikkonferma li kien hu li mela l-arja ta' ġoċ-ċilindri. Spjega li dawn kienu mimlijin it-tnejn, three hundred (300) bar. Spjega li l-apparat ġie ċċekjat fil-preżenza ta' Christine kif ukoll il-*bailout* tan-nitrox li kellha. It-twin set kien 20.8% u l-ieħor kien xi 50 point xi ħaġa. Mistoqsi kif ma qamlux suspett meta f'fond ta' għaxar (10) metri wara biss għoxrin (20) minuta, Christine kienet gia' ħliet sebgħin (70) bar, huwa spjega li ma qamlu l-ebda suspett. Spjega li dak il-vjaġġ għal barra jiswa

għall-etern għax lanqas tkun taf kemm ilek ħiereġ. Spjega li wara li kien staqsiha kemm kien fadlilha arja u hija kienet wieġbet li kien fadlilha mija u għaxar (110) bar, huwa ma reġax staqsiha kemm kien fadlilha arja. L-aħħar reading tal-arja kien proprju dak il-ħin. Spjega li fil-ħamsa u għoxrin (25) minuta li kien hemm fejn huma bdew telgħin lura 'l fuq, ma sar l-ebda check fuq kemm kien fadal arja. Hu jgħid li hi kienet instructor u spiss kienu jgħoddsu flimkien. Hu ssoltu ma jistaqsijiex dawn il-mistoqsijiet iżda għaliex kien inqala dak li kien inqala huwa staqsiha jekk imorrux lura jew ikomplux. Huwa spjega li fl-ebda ħin waqt i*d-dive*, ma sar xi sinjal minn Christine Gauci li ma kienx baqagħlha iktar arja. Kieku ghamlet tali sinjal, huwa kien jagħtiha *r-regulator* tiegħu. Spjega li hija lanqas ma għamlet l-ebda sinjal biex infurmat lil *buddy* tagħha li kien hemm xi ħaġa mhux f'postha. Sostna li lill-partner tiegħu kienet qaltilha li kellha idha tuġagħha iżda dan hu sar jafu wara l-inċident. Huwa spjega li huwa ra lil Christine Gauci ddawwar idejha mal-flixkun fejn kien hemm ir-*regulator* ħdejha. Tat indikazzjoni li ser taqbdu jew kienet lesta biex taqbdu. Madankollu, huwa jgħid illi ma rahiex taqbad ir-regulator. Hu raha tati s-salt iżda mhux effetivament taqbdu. Spjega li minn dak il-hin quddiem ma kien hemm l-ebda kommunikazzjoni oħra ma' Christine. Spjega li huwa ħares u ma rahiex filwaqt li assuma li dieħla 'l gewwa. Spjega li dak il-ħin ma għaddilux minn moħħu li jista' jkun li Christine għandha deco iktar minnu. Spjega li dak il-ħin kien panic sħiħ u x'ħin raha tiela', huwa qal li l-iktar l-iktar ikollha *decompression sickness* imma almenu tkun waslet fil-wiċċ. Spjega li huwa kien liebes *dry suit* u kellu wing. Spjega li huwa ma jasalx biex ibattal id-*dry suit* u jbattal il-*wing* u jagħmel *controlled ascent*. Spjega li pprova kemm-il darba iżda huwa għandu bżonn il-piż. Mistoqsi ppruvax iżomm għajnejh fuq Christine, hu spjega li hemm isfel qas jaf eżatt fejn ikun fil-baħar u ma rahiex. Hu assuma li hi kienet dieħla l-ġewwa għax ra iddawwar idejha mal-*bailout.* Spjega li huwa ħalla kollox kif inhu, qaleb is-set point għal point seven (0.7) minn one point three (1.3) u mbagħad jitfa' l-ossignu manwali. Huwa spjega li ma battalx il-loop kompletament u mlieha bl-

ossignu. Spjega li huwa *recreational technical diver* u li huwa Mode 3 fir-*rebreathing system*. Spjega li huwa jista' jinżel *hundred plus metres.* Spjega li Christine Gauci kienet *instructor* u li kienet tista' tgħallem. Hu kien close circuit u Christine kienet open circuit u għalhekk hi setgħet tgħallem u hu le. Huma żewġ sistemi differenti u ma jistgħux jiġu kkumparat. Hu kkonferma li bħala parti mit-*training* tiegħu, hu kellu *rescue diver training*. Mistoqsi jekk il-wing ta' Christine kinitx *fully-inflated* jew nofsha, hu wieġeb li ma jafx. Spjega li l-wing kienet ilha għand Christine minn Settembru u wżatha għal *dives* oħrajn anke ma' xi nies Għawdxin u mhux miegħu. Kompla sabiex jgħid li anke r-regulators kienu ilhom għandha minn Settembru, iċ-ċilindri biss kien jerġa' jeħodhom lura hu sabiex jimlijomlha biss.

**Arthur Castillo**[6] xehed ukoll quddiem l-Ewwel Qorti nhar it-2 ta' Diċembbru 2021. Hu spjega li dakinhar kien iltaqa' ma' Christine u xi nies oħrajn fuq il-vapur tas-sitta' u nofs ta' filgħodu (6.30am). Spjega li Christine marret iġġib xi affarijiet mid-dar u niżlet Imġarr ix-Xini. Spjega li huwa kien ilu jogħdos flimkien ma' Christine għal madwar sena. Spjega li Christine kienet qalet li kienet ilha ma torqod madwar tnejn u għoxrin (22) siegħa. Spjega li l-partner tiegħu qaltilha biex imorru jieħdu kafe' minflok ma' tmur togħdos iżda din qaltilha li l-baħar iqajjimha. Spjega li libsu u niżlu fil-baħar. Qal li huwa kien partner ma' Christine. Spjega li Christine kienet l-instructor. Spjega li mal-ewwel kisra, tfaċċat l-ewwel problema fejn Christine bdiet tisserfisja u tippoppja 'l fuq. Spjega li huwa ġibidha 'l isfel u hi neħħiet ftit arja mill-apparat u staqsiha bis-sinjali jekk tridx tkompli jew tmur lura. Spjega li din irrispondiet li trid tkompli. Spjega li komplew għaddejjin u nqalgħet it-tieni problema fejn Christine daħlet ġo għar u fin tagħha nqabdet ġo xibka. Spjega li fl-istess ħin bdiet tiela 'l fuq u huwa qabadha minn wara u battlilha kollox minn ġol-wing. Spjega li huwa aġġustalha l-wing u staqsiha

[6] Fol. 257 et seq tal-proċess.

jekk ikomplux jew imorrux lura iżda hija reġgħet qaltlu li riedet tkompli. Spjega li mbagħad f'ħin minnhom, staqsiha kemm kien baqagħlha arja u wara li rrispondietu, huwa ddeċieda li jidħlu lura. Spjega li mbagħad kien anke taha ċ-ċomb tiegħu u huwa ġie b'żewġ (2) kilos inqas. Spjega li kif dar biex jidħlu lura, hija sparat 'il fuq. Spjega li huwa juża sistema ta' *rebreather* u mhux taċ-ċilindri peress li huwa jiċċirkola l-arja tiegħu stess. Spjega li hija kellha sistema normali tat-*traditional diving*. Spjega li x'ħin raha tispara 'l fuq, huwa ma seta' jagħmel xejn għaliex ma kellux ċomb. Spjega li jekk jitla' jgħaġġel kien jispiċċa *casualty* u cioe' kien ikun hemm fatalita' oħra. Spjega li huwa kellu moħħu mistrieħ li Christine Gauci għandha ċ-ċilindru tal-gas spare u huwa kien raha b'idejha fuq iċ-ċilindru. Spjega li huwa ħaseb li kienet ser taqleb għal fuqu. Spjega li huwa ma setax jagħtiha r-regulator tiegħu, għaliex Christine sparat 'il fuq. Kif daħlu l-ġewwa ma rawhiex. Huma bagħtu lil Christina u l-girlfriend ta' ħabib tiegħu jfittxu fuq il-blat u semgħu twerżieqa. Hu kważi ħassu ħass ħażin u ġew il-Forzi Armati u ħadu over. Hu qal li saħansitra spiċċa għand psikjatra.

In kontro-eżami, huwa spjega li hija sparat 'il fuq u huwa nduna b'dan x'ħin kienet kważi diġa fis-surface u ra tilħaq għall-bailout. Spjega li huwa ma setax jitla' 'l fuq għax kien taha ċ-ċomb. Spjega li Joseph Caruana ma jafx minn fejn kien ġie iżda kien qed jogħdos u kellu unit bħal tiegħu.

**L-espert Lino Vella Brincat**[7] ippreżenta r-rapport tiegħu fl-atti tal-inkjesta, fejn kif diġa kienet ipproduċiet l-Ewwel Qorti, hu kien ikkonkluda s-segwenti:

> *In conclusion the diver had problems in controlling her buoyancy due to the malfunctioning dry suit inflator and lack of enough lead weights.*

---

[7] Fol. 106 et seq. tal-proċess.

*This may also had been a contributing factor in what eventually happened. We cannot be certain if the regulators' Venturi switch being set at maximum had any impact since during our tests the regulators did not free-flow but they might have done so underwater. The twin set being completely empty is another question. An experienced fit diver can handle any of the afore-mentioned problems and would know better than to breath the main cylinders completely empty before switching to the 7 lt with the Nitrox mix.*

*If she had ran completely out of air at the end of the dive at 10mts depth, she had a number of relatively safe options to resort to in order to make it safely to the surface:-*

- *Switch over immediately to her deco cylinder and start the ascent;*
- *Make the out of air signal to her buddy and buddy breath to the surface. Till this stage of the dive her buddy had been near her all the time. His dive profile matches hers exactly except at the end (DOC3).*
- *Grab her buddy's deco cylinder's regulator and breath from it.*
- *(As a last resort) make a free controlled ascent to the surface.*

*The deceased took none of these actions but made an uncontrolled ascent to the surface.*

*It is possible that in this case, the diver was faced with the perfect storm of a number of physical and technical problems. These might have proved too much for her to handle at that time when one considers that:-*

*She had been at work on twenty-four hours duty prior to the dive – she must have been tired.*

*She had problems in controlling her buoyancy throughout the whole dive:- resulting in fatigue and exhaustion.*

*She made a fast ascent from 7 mts to the surface on the 17th minute – possibly due to dry suit over inflation or maybe some physical problem.*

*She was consuming a lot of air during what should have been a fairly easy and relaxed dive: breathlessness possibly caused by arrhythmia (which could have been the reason why she suddenly shot up to the surface, lose consciousness and drown)."*

**Carmelo Vella Brincat**[8] xehed ukoll nhar it-28 ta' April, 2022 quddiem l-Ewwel Qorti fejn spjega li hu jispeċjalizza fid-*diving equipment* u li jagħmel korrispondenza ma' *diving centres.* Hu spjega li l-akkużat u l-vittma kienu qed jgħoddsu flimkien bħala *buddy divers*. Hu qal li l-vittma kienet *qualified instructor u diver* u għalhekk kellha kwalifiki iktar mill-akkużat. Mistoqsi jekk hi kinitx *senior,* dan wieġeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti hu kkonferma li ġie mgħoddi l-*equipment* kollu li ġie wżat f'dik l-għaddsa, mill-pulizija. Hu spjega wkoll li kien ħa anke xi informazzjoni minn diversi oħrajn li kienu fil-madwar. Hu spjega li f'żewġ okkażjonijiet il-vittma telgħet bis-saħħa fil-wiċċ u l-iktar ħaġa li qalgħet problemi kienet id-*dry suit*. Din ma setgħetx tiġi ttestjata għaliex kienet tqattgħet biex neħħewha. Spjega li drysuit ikollha żewġ valves u dawn ġew tested. Wieħed iddaħħal l-arja u l-oħra biex tiskarika. Jidher li l-valve

[8] Fol. 270 et seq tal-proċess.

nstab miftuħ kollu. Hu spjega li din tal-aħħar kien ħadha wara erbat ijiem allura ma jistax jgħid ġiex imbagħbas il-valve tagħha. Spjega li l-inflation valve kien difettuż. Spjega li waqt id-dive irriżulta li Christine ma setgħetx tikkontrolla l-*buoyancy* tagħha. Spjega li Christine kellha *twin cylinders* li nstabu vojta qoxqox. Dak huwa żball kardinali li l-ebda diver ma jagħmlu. Spjega li diver għandu dejjem jitla' b'50 bar. Spjega li hi kellha *bail out* cylinder jiġifieri *spare cylinder* għal *decompression.* Kellhom bżonn *decompression* peress li niżlu xi 30.7 metri. Kien hemm bzonn jagħmlu 7 minuti kull tlett metri qabel ma jmorru fil-wiċċ. Sostna li Christine setgħet qabdet l-*ispare cylinder* li kien għad fadallu 185 bar. Dan ifisser li dan ma ntmessx għaliex dan kien jimtela' 200 bar iżda huwa normali li jekk ikun saħan xi ftit jinżel għal 185 bar. Spjega li setgħet għamlet sinjal lil buddy biex tixxerja l-arja miegħu. Qal ukoll li setgħet tagħmel free ascent, titla' bil-mod u tiskarika l-arja l-ħin kollu, sakemm tasal fil-wiċċ u mbagħad tirrilexja hemmhekk. Suppost għamlet *decompressio*n iżda din ma għamlithiex. Spjega li setgħet għamlet sinjal lil buddy biex tixxerja l-arja miegħu. Spjega li biex tutilizza dan l-*ispare cylinder*, kulma kien jinħtieg huwa li jinbidel ir-*regulator*. Spjega li Castillo kellu wkoll spare cylinder apparti ż-żewġ ċilindri. Spjega li ma kien hemm l-ebda difett fl-*ispare cylinder*. Spjega li l-venturi valve kienu fuq high flow iżda dan jista' jkun għaliex peress li Christine Gauci kienet għajjiena, kellha bżonn iktar arja. Spjega li milli rriżulta Christine Gauci ma għamlet l-ebda sinjal li ser titla' lil buddy tagħha. Lanqas ma għamlet xi sinjali li riedet l-arja. Spjega li huwa ma setax jitla' għax ried jagħmel id-*decompression*. Spjega li huwa kien taha l-piżijiet u għalhekk huwa ġie ħafif. Spjega li kieku tela' warajha, kien ikun hemm żewġ inċidenti. Spjega li jista' jkun li kien hemm arrhythmia fis-sens li qalbek tibda tħabbat irregulari jew tħabbat iżżejjed u f'dak il-każ, tiġi *short of breath*. Dik hija letali taħt il-baħar għax it-tendenza hija li l-bniedem ifittex l-arja, tiġi *'out of breath panic'* bil-konsegwenza li tispara 'l fuq. Hu spjega li hija telgħet darba waħda fis-*17th minute*. Hu jgħid li probabbli l-problema kienet l-inflation tad-dry suit ma kinitx qed tinduna li qed

timtela' bil-mod il-mod. Spjega li meta huwa kien ikollu problemi ta' *buoyancy,* huwa kien iwaqqaf id-dive. Spjega li Christine kienet għajjiena. Spjega li l-libsa li kellha ma kinitx is-size tagħha. Spjega li s-suit kienet kbira għaliha u għalhekk ikollha ħafna arja fiha. Spjega li drysuit ma tistax taqbad u tużaha, iżda trid titħarreġ dwar l-użu tagħha. Spjega li apparti li kienet kbira, is-suit kienet difettuża.

**L-Espert Legali Dr Jean Paul Grech**[9] esebixxa r-rapport tiegħu li jinkludi testimonjanzi ta' diversi xhieda li xehdu quddiemu. Fil-konklużjoni tiegħu f'dan ir-rapport, huwa kkonkluda li m'hemmx lok fuq bazi prima facie li jittieħdu xi passi kriminali kontra xi persuna b'rabta mal-mewt ta' Christine Gauci.

**Arthur Castillo**[10] xehed ukoll quddiem l-espert legali maħtur fl-atti ta' l-inkjesta fejn spjega li hu, flimkien ma' Christine Gauci u ħamsa min-nies oħra kienu marru jogħdsu fl-inħawi ta'Mgarr ix-Xini. Hu qal li hu u Christine kienu *buddies* ta' xulxin. Spjega li huma ħarġu mill-bajja ta' Mgarr ix-Xini u kisru lejn ix-xellug. F'ħin minnhom Christine Gauci kellha problema u telgħet fil-wiċċ. Hija ma kinitx telgħet fil-wiċċ b'mod qawwi. Hu jgħid li kienu f'fond ta' xi 16 jew 18-il metru. Ftit wara hija reġgħet niżlet u għamlilha sinjal kienx kollox sewwa u jekk riditx li jkomplu jew imorru lura. Hu staqsiha kemm kellha arja u qaltlu 230 bars. Spjega li t-tnejn baqgħu jgħumu u f'ħin minnhom hija rat daħla u bdiet tieħu l-filmat tad-daħla. F'ħin minnhom hija attirat l-attenzjoni ta' Castillo għaliex saqajha kienu maqbuda ma' xibka. Hija kienet ippanikkjata. Castillo mar warajha għax hi kienet se tibda tiela' u ħarġilha l-arja kollha minn ġol-wing. X'ħin inħallet mix-xibka Christine ikkalmat. Wara staqsiha kemm kien fadlilha arja u qaltlu 160 bars. Hu staqsiha riditx li jkomplu u hija qaltlu li iva. Wara li reġgħu ċċekkjaw l-arja fit-tank, u kienet 110 bars, iddeċidew li jmorru lura.

---

[9] Fol. 145 et seq. tal-proċess.
[10] Fol. 167 et seq. tal-proċess.

Dak il-ħin kienu f'fond ta' tmienja u għoxrin (28) metru. Huma għalhekk bdew telgħin bil-mod u fl-istess ħin bdew jgħumu lura lejn id-direzzjoni tal-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Spjega li waqt li kienu deħlin, Castillo innota li Christine kienet reġgħet tidher ippanikkajta. Fil-fatt raha taqbad ma' ġebla u hu neħħa żewġ ċombiet minn tiegħu u tagħhomla biex terġa' tiġi buoyant. X'ħin għamel dan hi neħħiet il-ġebla u dehret tajjeb. Hu dar sabiex ikompli diehel 'il ġewwa u kif jerġa' jħares raha li sparat 'il fuq mingħajr l-ebda *decompression*. Hu ma setax imur warajha għaliex diġa kellu żewġ kilos anqas u kien jispiċċa bħalha. Sadanittant hu ma kienx konxju li ġralha xi ħaġa. Spjega li seta' jara li hekk kif kienet fil-wiċċ Christine Gauci qabdet is-*second stage mouthpiece* li jkollu tnejn u ħamsin fil-mija (52%) ossiġnu. Sakemm imbagħad huwa sab il-*buoyancy* tiegħu lil Christine ma rahiex aktar. Kompla jixhed li sadanittant wasal ħdejh Joseph Caruana, wieħed mill-għaddasa l-oħra li kienu fl-istess grupp u staqsieh fejn kienet Christine. Hu indikalu li kienet telghet 'il fuq u li kienet dieħla ġewwa. Ix-xhud qal li huwa għamel a *planned ascent* u anke qabad ġebla żgħira biex jikkumpensa għan-nuqqas ta' *buoyancy* li kellu. Dan peress li kien spiċċa b'ċomb anqas. Huwa tela' bil-mod fil-wiċċ peress li ma setax jibqa' dieħel taħt l-ilma. Mill-bogħod huwa ra lil xi ħadd bi suit tal-għaddasa. Għall-ewwel ħasibha li kienet Christine u li din kienet waslet l-art pero' hekk kif tela' l-art induna li kien Gordon Galea. Il-grupp tqassam biex ifittex lil Christine. Gordon Galea u Joseph Caruana niżlu fil-baħar ifittxu filwaqt li Christina Micallef u Barbara Risita marru jfittxu minn fuq il-blat in-naħa tal-lemin u raw lil Christine mal-blat fil-wiċċ tal-ilma.

**<u>Joseph Caruana</u>**[11] xehed ukoll quddiem l-espert legali maħtur fl-inkjesta fejn qal li hu flimkien ma' sitt (6) persuni oħra kienu marru jgħoddsu fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Ma kellhomx jgħoddsu kollha flimkien. Huwa qal li dam biex jibda l-għaddsa tiegħu

---

[11] Fol. 170 et seq. tal-proċess.

peress li kellu problema fl-apparat u ried li jkollu kollox sew qabel jibda jogħdos. John Woods qagħad jistennieh biex jinżlu flimkien. Kompla jgħid li l-għaddasa l-oħra kollha telqu qabilhom ħlief għal Gordon għax wasal fil-post wara u kien qalilhom li kien se joqgħod fil-bajja waħdu. Joseph Caruana xehed wkoll li kien jaf li Christine kienet għadha kemm spiċċat minn xift tax-xogħol ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa għax hekk kienet qaltilhom dak il-ħin. Hi qalet lix-xhud li ma kinitx raqdet. Pero' kienet strieħet ftit u kienet qed tħossha mistrieħa. Fritz staqsieha jekk kinitx *hydrated* u hi kienet wieġbet fl-affermattiv. Wara li hu u John bdew l-għaddsa tagħhom, John irrealizza li kellu leak f'parti mill-apparat tiegħu u għalhekk dar lura. Hu kompla waħdu bl-intiża li jiltaqa' ma' tnejn minn sħabu oħra Darko u Fritz. Huwa u ħiereġ kien ra xi bżieżaq tal-arja ħerġin u assuma li kien hemm Arthur u Christine fil-qrib. Dan għaliex Christine kienet qed tuża s-sistema open circuit u allura joħorġu l-bżieżaq tal-arja hekk kif wieħed jitfa' n-nifs 'il barra. Ix-xhud wasal fejn Arthur u Christine li ikkonfermaw li kienu t-tnejn kollox sew u li kienu sejrin iduru lura. Joseph staqsa fejn kienu Darko u Arthur u indikalu li t-tnejn l-oħra kienu ħargu aktar 'il barra. Ix-xhud baqa' jaqdef għal ftit oħra, ma rahomx u għalhekk iddeċieda li jdur lura għax ma setax ikompli waħdu. Lura huwa ħadha bil-mod għax l-ilma kien qed jitbaxxa. F'ħin minnhom reġa ra lil Arthur u lil Christine qegħdin ma' xulxin fil-qiegħ. Hu ma kien innota xejn li ma kienx f'postu u kompla miexi 'l ġewwa. F'ħin minnhom ix-xhud spjega li huwa reġa ħares fid-direzzjoni ta' fejn kienu Arthur u Christine u ra li Christine kienet qegħda fil-wiċċ u Arthur qed iħares 'il fuq. Dak il-ħin Christine kienet qegħda tiċċaqlaq u anke ra bżieżaq tal-arja ħerġin. Pero' ma kienx ċert minn fejn kienu ħerġin. Sadanittant Arthur laħaq ġie quddiemu u hu staqsieh jekk Christine kinitx kollox sewwa u Arthur indikalu li hija kienet fil-wiċċ dieħla 'l ġewwa. Spjega li huwa għamel id-*decompression* għax kien niżel f'fond ta' tletin (30) metru. Kif lesta d-*decompression,* huwa tela' fil-wiċċ fejn sab lil Arthur. Christine ma kinitx miegħu u x'ħin staqsieh fejn kienet, Arthur kien qallu li kienet dieħla minn mal-wiċċ. X'ħin

Caruana ra li Christine ma kienet dehret imkien, hu qal lil sħabu li kien aħjar li jiċċekkjaw. Caruana u Gordon Galea ħarġu 'l barra bis-suit u l-mask biss biex ifittxuha. John Wood mar fuq is sies in-naħa tax-xellug tal-bajja filwaqt li Christine u Barbara marru fuq is-sies in-naħa tal-lemin tal-bajja. F'ħin minnhom in-nisa għamlu sinjali li kienu raw xi bżieżaq tal-arja fil-wiċċ, iżda rrizulta li dawn kienu ta' Darko u Fritz li kienu deħlin lura. Eventwalment Christina rat lil Christine u indikat dan lil Caruana u Galea li għomu fid-direzzjoni tagħha. Caruana sab lil Christine b'wiċċha 'l isfel fl-ilma. Fil-ħin li waslu ħdejha, waslet ukoll dgħajsa tal-AFM. Caruana ġibed lil Christine, dawwarha wiċċha 'l fuq u taha lil tal-AFM. Dawn mill-ewwel telqu biha. Spjega li Christine kienet tidher bla ħajja. Għajnejha kienu ċċassati u xuftejha kienu jidhru qishom bojod fil-blu. Anke l-ġilda ta' wiċċha kienet bajda. Ix-xhud spjega wkoll li xi tlett (3) ġimgħat aktar qabel, Christine kienet qaltlu li kienet sabet diffikulta biex tikkontrolla d-*dry suit.* Hu kien qalilha biex ma tagħmilx *dives* aggressivi sakemm tkun ċerta li ħadet it-training kollu neċessarju u dratha. Huwa temm jgħid li x'ħin sabu lil Christine, hija kellha l-wing tagħha mimlija ħafna bl-arja. Id-*dry suit* kienet ukoll tidher li hija mimlija bl-arja. Infatti hekk kif Caruana u Galea kienu qegħdin jgħaddu lil Christine lil tal-AFM, huma għafsu l-inflator u deher li ma ħargitx arja għal ġos-suit.

**<u>Joseph Caruana</u>**[12] xehed ukoll nhar l-20 ta' Jannar, 2020 quddiem l-espert legali fejn ikkjarifika illi d-diskussjoni li kellu ma' Christine dwar id-dry suit u sabiex ma tagħmilx dives aggressivi kienet saret ħmistax (15) -il ġurnata qabel u mhux tlett (3) ġimgħat, speċifikament nhar l-4 ta' Jannar, 2020. Hu ċċara wkoll li hu qatt ma kien preżenti f'dives li Christine kienet għamlet bid-*dry suit* fejn qalet li kienet qed issib diffikulta'.

---

12 Fol. 180 et seq tal-proċess.

**Gordon Galea**[13] xehed ukoll quddiem l-espert legali fejn qal li hu flimkien ma' grupp ieħor ta' għaddasa kienu marru jgħoddsu Mġarr ix-Xini. Huwa wasal tard u niżel jogħdos waħdu. Wara xi ħamsa u ħamsin (55) minuta huwa tela' lura. Ftit wara li tela', waslu mill-għaddsa tagħhom Arthur Castillo u Joseph Caruana. Christine ma kinitx maghhom. Meta raw li ma kinitx ġiet lura, huma bdew ifittxu mill-art. X'ħin ma rawhiex, ix-xhud flimkien ma' Joseph libsu l-fins u l-mask u ħarġu jfittxuha. It-tfajla tiegħu u dik ta' Arthur telghu fuq il-blat biex jaraw jarawhiex fuq il-blat. F'ħin minnhom iż-żewġ tfajliet indikaw li kienu raw xi bżieżaq tal-arja, pero' dawn irriżultaw li kienu ta' żewġ għaddasa oħra li kienu fl-istess grupp. F'daqqa waħda n-nisa indikaw li kienu raw lil Christine u huma bdew jgħumu fid-direzzjoni tagħha. Hekk kif waslu fejnha waslu wkoll tal-AFM. Christine kienet mal-blat wiċċha 'l isfel. Ix-xhud spjega kif Joseph ġibidha minn mal-blat u ressaqha lejn id-dinghy tal-AFM. Hu flimkien ma' Joseph għenu lil tal-AFM itellgħuha fuq id-dinghy u huma daħlu 'l ġewwa. Temm jgħid li Christine ma kellhiex sinjali ta' ħajja. X'ħin qalbuha wiċċha 'l fuq kellha żgur ragħwa bajda ħierġa imma ma ftakarx kinitx ħierġa minn ħalqha jew imneħirha. Hu ppreċiza li t-tfajliet kienu fuq naħa tal-lemin tal-bajja u John Woods mar fuq in-naħa tax-xellug biex minn fuq is-sies tax-xellug hu wkoll jara jarax lil Christine.

**John Wood**[14] xehed ukoll quddiem l-espert legali u qal li dakinhar flimkien ma' xi nies oħra marru biex jgħoddsu fl-inħawi ta' Mġarr ix-Xini, Għajnsielem, Għawdex. Huma inqasmu fi gruppi separati. Ix-xhud stenna lil sieħbu Joseph Caruana biex ilesti. Huma niżlu xi għaxar (10) minuti wara li kienu niżlu l-bqija tal-grupp. F'ħin minnhom Wood induna li kellu *leak*, għamel is-sinjal lil Joseph u dar lura lejn l-art. Joseph kompla waħdu. Għal xi l-għaxra ta' filgħodu (10.00am), huwa ra lil żewġ għaddasa ġejjin lura

---

[13] Fol. 173 et seq tal-proċess.
[14] Fol. 174 tal-proċess.

l-art. Dawn kienu Arthur Castillo u Joseph Caruana. Christine ma kinitx magħhom minkejja li x-xhud kien jaf li kienet niżlet ma' Arthur għax issoltu kienu jgħoddsu flimkien. Ippruvaw jaraw jekk setgħux jilmħu lil Christine, pero' ma setgħu jaraw xejn bir-riflessjonijiet tad-dawl tax-xemx fl-ilma. Iż-żewġ tfajliet li ma kinux għaddasa marru jimxu fuq is-sies in-naħa tal-lemin. Ix-xhud tela, fuq is-sies in-naħa tax-xellug. Huwa u jimxi fuq is-sies seta' jara li Gordon u Joseph kienu ħarġu bl-għawm ifittxuha. F'ħin minnhom Gordon qallu biex iċempel lil tal-emerġenza. Huwa hekk għamel u qabbduh ma' tal-AFM li bagħtu RIB. F'xi ħin lemħu xi bżieżaq tal-arja, imma rriżulta li dawn kienu ta' żewġ għaddasa oħra li kienu parti mill-istess grupp tagħhom. L-ewwel li ma raw lil Christine kienu t-tfajliet. Gordon u Joseph għomew lejn fejn kienet Christine. Hija kienet mal-blat. Gordon u Joseph waslu fejn Christine fl-istess ħin li waslu tal-AFM bir-RIB. Tal-AFM ġabru lil Christine fuq ir-RIB u telqu biha.

<u>**Christina Micallef**</u>[15] xehdet ukoll quddiem l-espert legali fejn spjegat illi nhar it-tmintax (18) ta' Jannar 2020 hija marret Mġarr ix-Xini mal-partner tagħha Arthur Castillo. Hija ma niżlitx togħdos u qagħdet fejn il-karozzi titkellem ma' John Wood li kellu jirritorna lura mill-għaddsa u mal-partner ta' Gordon li jisimha Barbara. Meta Arthur u Joseph daħlu mill-għaddsa tagħhom Christine ma kinitx magħhom. X'ħin raw li ma daħlitx hija marret fuq is-sies in-naħa tal-lemin tal-bajja biex tara tilmaħx lil Christine. Barbara marret warajha. Għalkemm f'ħin minnhom hija rat xi bżieżaq tal-arja fl-ilma, dawn ma kinux ta' Christine iżda kienu ta' żewġ għaddasa oħra. John Wood kien fuq is-sies tan-naħa tax-xellug tal-bajja. Ix-xhud kompliet tgħid li f'ħin minnhom hija lemħet lil Christine f'wiċċ l-ilma. Għarfitha mill-wing tagħha. Hija kienet gia wiċċha 'l isfel u ma kinitx qed tiċċaqlaq. Il-kurrent tefagħha mal-blat u waqfet mal-istess blat. Ix-xhud għajtet lil Joseph u lil Gordon u indikatilhom il-

[15] Fol. 176 tal-proċess.

pożizzjoni fejn kienet tinsab Christine. Dawn għomew fid-direzzjoni tagħha. Qalet ukoll li wasal RIB tal-AFM. Ix-xhud temmet tgħid li dakinhar stess Christine kienet qaltilha li hija kienet għajjiena ħafna. Dan għaliex kienet għadha kemm spiċċat *night-shift*. Pero' ma kinitx l-ewwel darba li marret togħdos wara *night-shift.*

**<u>Barbara Risita</u>**[16] xehdet quddiem l-espert legali bil-lingwa Taljana. Din qalet li hija kienet il-partner ta' Gordon Galea. Dakinhar tat-tmintax (18) ta' Jannar 2020 hi u Gordon kienu marru Mġarr ix-Xini għaliex Gordon kellu għaddsa ma' sħabu. X'ħin saret taf li Christine ma kinitx irritornat lura, Barbara kienet fuq it-telefon. Hija qatgħet il-linja u marret wara Christina Micallef li sadanittant kienet laħqet marret fuq is-sies biex tara jekk tilmaħx lil Christine mill-għoli. Persuna oħra marret fuq is sies tan-naħa l-oħra tal-bajja. Dan eventwalment kien ċempel għall-għajnuna. Huma u mexjin raw xi bżieżaq tal-arja. Pero' dawn ma kinux ta' Christine. Hi u Christina Micallef komplew jimxu u f'ħin minnhom lemħu lil Christine mal-blat. Huwa indikaw lil Gordon fejn kienet tinsab. Indikawlu li kienet eżatt taħt it-torri. Christine kienet qegħda wiċċha 'l isfel fl-ilma. Ftit wara wasal RIB li ta l-ewwel għajnuna.

**<u>Il-Kaptan James Gauci</u>**,[17] kaptan fizzjal inkarigat mill-Explosive Ordinance Disposal Unit fi ħdan il-Forzi Armati ta' Malta xehed quddiem il-perit legali nominat fl-inkjesta li Christine Gauci kienet taqa' taħtu u kienet tifforma parti minn dan il-Unit li huwa responsabbilta' tiegħu. Spjega li qabel ma kienet involuta fl-inċident fit-tmintax (18) ta' Jannar 2020, hija kienet xogħol peress li kienet taħdem shift ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa. Is-shift li kellha kien beda mis-sebgħa ta' filgħodu tas-sbatax (17) ta' Jannar u kien spiċċa fis-sebgħa ta' filgħodu tat-tmintax (18) ta' Jannar. Peress li Christine

---

[16] Fol. 178 et seq tal-proċess.

[17] Fol. 182 et seq tal-proċess.

kienet Għawdxija, kienet titlaq qabel biex tilħaq il-vapur. L-għada mbagħad tkun ġurnata rest u l-ġurnata ta' wara tkun off. Christine kien imbagħad terġa tidħol xogħol wara l-ġurnata off għal shift ieħor ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa. Dan ir-roster ilu fis-seħħ u ma kienx beda di riċenti. Mistoqsi jekk waqt dan il-ħin, is-suldati jkollhomx ħin għall-mistrieħ, il-Kaptan wieġeb li sakemm ma jkunx hemm operat li jrid isir huma jkunu fil-barracks tagħhom u jkunu jistrieħu. Spjega li fix-xift li kienet qegħda fih Christine qabel ma kienet involuta fl-inċident ma kien hemm l-ebda operat. Kien hemm biss affarijiet relatati mad-*daily running* tal-barracks li riedu jsiru. Riedu jinġabru xi *quotations* marbuta mal-apparat tad-diving kif ukoll ried jinġabar xi materjal mill-barracks ta' Ħal Safi. Christine flimkien ma' bniedem ieħor kienu marru jagħmlu dawn il-qadjiet. Hi kienet ix-xufiera tal-Land Rover. Skont ir-records, hija ħarġet għal xi tmienja u nofs ta' filgħodu mill-barracks u rritornat lura għat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar. Minn dak il-ħin hija għalhekk kienet rest fil-barracks u baqgħet fil-barracks sa x'ħin telqet l-għada ftit qabel ma spiċċa s-shift tagħha. Hija kellha taqbad il vapur tas-sebgħa neqsin kwart ta' filgħodu. Mistoqsi dwar it-testijiet mediċi, il-Kaptan spjega li dawn isiru kull sena. Dawn jieħu ħsiebhom it-tabib tal-Armata. Ix-xhud qal li kien intalab jipprovdi r- 24 riżultati tat-testijiet mediċi tal-aħħar sentejn ta' Christine Gauci kif wkoll riżultati tal-ECGs tagħha. Huwa kien għadda din it-talba lit-tabib tal-Armata u ġie mgħoddi envelope issiġillat, liema envelope imbagħad ingħadda lill-Perit Legali. Ix-xhud kompla jgħid li parti minn xogħol Christine kien fis-sezzjoni tad-diving. Kienu jagħmlu taħriġ b'mod regolari. Mistoqsi jekk fis-sezzjoni tad-diving tagħhom jagħmlux użu minn *dry suits*, ix-xhud wieġeb fin-negattiv. Huma jużaw biss wet suits u għalhekk lanqas ma kien jingħata taħriġ fuq l-użu ta' dry suits. Bħala livell tad-divers fl-armata, Christine kienet għadha fl-ewwel livell li jiġi l-anqas wieħed. Dan kien ifisser li biex tagħmel dive hija riedet bilfors tkun akkumpanjata minn diver ieħor tal-armata fit-tieni livell. F'dan l-ewwel livell, id-divers ikunu mħarrġa biex jinżlu sa erbgħin (40) metru fond. Mistoqsi jekk jintużax

nitrox, ix-xhud wieġeb li l-AFM tagħmel użu biss minn arja normali kompressata. Ix-xhud temm jgħid li Christine kienet ilha taħdem f'din is-sezzjoni tal-armata għal dawn l-aħħar erba' (4) snin. Meta kienet ġiet trasferita għal dan il-unit, hija kien għadha ma kellhiex taħriġ biżżejjed biex tagħmel ċertu xogħol. Pero' maż-żmien hija ħadet it-taħriġ kollu neċessarju li kellha bżonn.

**Dr. Bridget Ellul u Dr. Michael J. Refalo**[18] l-patoloġisti maħtura fl-inkjesta ppreżentaw ir-rapport tagħhom fl-atti tal-inkjesta u kkonkludew li Christine Gauci '*died of natural causes, namely seawater drowning and coronary artery atheroma.*'

**Dr. Charles Azzopardi**[19] wkoll ipprezenta r-rapport tiegħu fl-atti tal-inkjesta u kkonkluda s-segwenti:

> *'This case exemplifies a diving fatality where multiple contributing variables ended up summating to one unfortunate, but predictable, outcome. Fatigue, unfamiliar equipment and compressed air for diving purposes provided by an unlicensed third party, and drysuit use without prior training in its function resulted in buoyancy issues during the dive, together with overuse of a finite gas supply during the dive.*
>
> *The end result was a fast rapid ascent due to buoyancy issues, followed by a second rapid ascent, precipitated by an out-of-air scenario seeing the rapid and uncontrolled consumption of the air supply, with an*

[18] Fol. 230 et seq tal-proċess.
[19] Fol. 239 et seq tal-proċess.

*ensuring final event on the surface, most probably cardiac, resulting in final loss of airway and subsequent drowning.*

*Although the primary and contributing factors are mostly, alas, attributable to the diver herself, the provision of air and unfamiliar equipment, followed by a negligent omission of a rescue attempt and assumption of safety when no assumption could or should have been made, made the final outcome inevitable. Although actus reus or mens rea cannot be implied, negligence and omission are still evident from Mr Castillo's side."*

**<u>Dr. John Xuereb Curmi</u>**[20] xehed nhar l-4 ta' Novembru, 2021 fejn qal li nhar it-18 ta' Jannar, 2020 kien ġie msejjaħ jgħin f'CPR li kien diġa' qed isir. Hu jgħid li dan kien sar kif suppost iżda l-pazjenta kienet deċeduta.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti tixtieq tibda billi tagħmel referenza għall-Artikolu tal-liġi li l-appellant Arthur Castillo qiegħed jiġi akkużat bih u cioe' l-Artikolu 225(1) tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi s-segwenti:

*'225. (1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa*

[20] Fol. 253 et seq tal-proċess.

> *mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87).'*

Illi l-Liġi tikkontempla sitwazzjoni fejn persuna tkun aġixxiet b'mod **negliġenti** u bħala **konsegwenza diretta** ta' dan l-għemil negliġenti ikun ġie **kkawżat event dannuż lil terzi persuni** liema event dannuż kien **prevedibbli għalkemm mhux previst**. L-elementi li jsawwru dan ir-reat kienu elaborati fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Perit Louis Portelli** deċiż nhar l-4 ta' Frar 1961 fejn ġie ritenut is-segwenti:

> *'Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi* ***tirrikorri kondotta volontarja negligenti*** ***– konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju.'***

Allura l-mistoqsija hija waħda ovvja, kien hemm ness ta' kawża u effett, minn dak li għamel jew m'għamilx l-appellanti għal dak li wassal għall-mewt traġiku tal-vittma? Seta' l-appellanti jippreveni dan kollu milli jsir?

F'dan il-punt il-Qorti tixtieq telabora wkoll fuq il-kunċett tal-*contributory negligence*. Din il-Qorti jeħtieġ li tistħarreġ ukoll jekk setgħetx il-vittma stess tikkontribwixxi għall-fatalita' tagħha u j**ekk tali kontribut kienx tant b'saħħtu li jannulla kwalsiasi forma ta' kolpevolezza tal-appellant** jew inkella kienx fi grad tali li n-ness bejn l-aċċident in kwistjoni u l-ommisjoni tal-appellant ma jkunx jista' jiġi hekk imxejjen. Huwa paċifiku illi din it-tip ta' negliġenza ma teżonerax lill-appellant mir-

responsabbilta' penali taħt l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali jekk din in-negliġenza ma tkunx il-kawża unika tal-aċċident in kwistjoni.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lorenza Dimech**:[21] kien ġie ritenut hekk:

> *'Il-"contributory negligence" ma tezonerax li dak li jkun mir-responsabilta' kriminali jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App. Krim. Pul. vs. P. Vassallo ; Kollez. Vol. XXXVIII , p. 883 u ohrajn.) F'sede Kriminali kull hadd iwiegeb ghall-agir tieghu, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal htijiet da parti ta' terzi. (App. Krim.:* ***Pul. vs. Gaetano Schembri, 16.3.61 ; Pul. vs. John Polidano, 3.11.63; Pul. vs. Rev. C. Mifsud, Kollez. Vol. XXXVII , p.1131 u ohrajn****)'*

Di piu', fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Formosa**[22] ġie ritenut hekk:

> *'Din il-Qorti ezaminat bl-akbar reqqa l-process kollu, izda semplicement ma tistax taqbel ma l-appellant. Kif inhu risaput, in tema ta' responsabbilta` kontributorja, il-fatt li haddiehor (f'dan il-kaz il-vittma stess) ikun ukoll negligenti ma jgibx fix-xejn ir-responsabbilta` tal-appellant, basta, naturalment, li* ***jkun hemm effettivament negligenza da parti ta' l-appellant u li din in-negligenza kienet kawza efficjenti, ghall-anqas in parti, tal-mewt kagunata*** *(ara, fost ohrajn, Il****-Pulizija v. Alexander Azzopardi App. Krim. 26 ta' Frar 2001****).'*

[21] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Ġunju, 2022.
[22] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Mejju, 2005.

Dan il-punt ġie elaborat f'sentenza iktar riċenti minn dawk suċitati u cioe' dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dorianne Camilleri.**[23] Dan il-każ kien jikkonċerna inċident stradali, madankollu l-pronunċiment tal-Qorti xorta waħda japplika għall-każ odjern:

> *"Ibda biex ......, "driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b'mod li jkun pogga ruhu f'pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b'xi att inaspettat u subitaneu jew xort'ohra b'xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f'pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment."(***App. Krim. "Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud" [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859***)*
>
> *Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li:- "Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih, dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian." (App.Krim. "***Il-Pulizija vs. Alfred Caruana" [14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031***). F'sentenzi ohra*

[23] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Frar 2018.

*mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha; eg. "meta jaqsam f'daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat" (**App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Thornton" Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920**) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (**App. Krim. "Il-Pulizija vs. Cassar Desain" Kollez. Vol.XLVI . p.iv. p.765**)"*

*Il-Qorti ghaddiet ukoll biex elenkat liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta' pedestrian. Il-Qorti kompliet: "Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d'Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet:*

***a)** "che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;*
***b)** che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;*
***c)** che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."*

*…..*

***ghandu johrog illi sabiex is-sewwieq ikun ezentat minn kwalunkwe responsabbilta ghall-investiment ta' persuna, irid ikun hemm prova cara ta'l hekk imsejjha 'emergenza subitanea' li tinholoq mill-pedestrian meta jiddeciedi li jaqsam it-triq, emergenza li tpoggi lis-sewwieq f'posizzjoni li la jista' jipprevedi dan is-sinistru u lanqas jista' jipprevjenieh. <u>U allura hawn fejn jidhol il-grad tal-culpa tas-sewwieq ghal event dannuz u jekk allura jistax jigi ezentat mir-responsabbilta</u>: "In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala: 1. la volontarieta dell'atto; 2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u 3. la possibilita di prevedere. <u>Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija.</u> (vide Il-Pulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali)"***

*Din is-sentenza tistrieh fuq l-insenjament ta' zewg guristi tad-dritt penali fejn il-gurist* ***Francesco Carrara*** *jghid hekk dwar il-culpa, "… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere." Bl-istess mod,* ***il-Professur Anthony J. Mamo****, fin-noti tieghu, jghid hekk: "<u>In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has</u>*

*not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".*

*L-**Antolisei**, izda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament tal-Carrara u t-tejorija tal-prevedibbilita ta' l-azzjoni meta iqies illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta' l-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx: "Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti: a) la violazione di una regola; b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare. In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."*

*Awturi ohra bhal **Mantovani u il-Padovani** jabbinaw din ir-regola ta'l-Antolisei mar-regoli tal-prevedibbilita u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-culpa fil-fehma taghhom tinkwadra ruhha f'erba elementi: 1. un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta; 2. un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola; 3. l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola; 4. la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.*

***<u>Dak illi ghandu jigi stabbilit kwindi huwa jekk l-event kienx wiehed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emergenza subitanea, tant ghalhekk illi l-event dannuz ma seta' qatt jigi evitat anke jekk bl-ezercizzju gholi ta' diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imgieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bhal din certament teskludi kull forma ta' negligenza, imprudenza, traskuragini jew non-osservanza tar-regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li ifassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa."</u>***

Ikkunsidrat:

Fl-**<u>ewwel aggravju</u>** tiegħu l-appellant jibda sabiex jargumenta illi l-Qorti tal-Maġistrati kienet żbaljata meta rriteniet li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova ness kawżali bejn il-mewt ta' Gauci u l-kondotta kolpuża da parti tal-appellant. Sussegwentament l-appellant jgħaddi sabiex jelabora fuq il-kawża tal-mewt tal-vittma u dwar ir-rapport tal-patoloġisti.

Fir-rapport tagħhom il-patoloġisti Dr. Bridget Ellul u Dr. Michael J. Refalo ikkonkludew li l-kawża tal-mewt tal-vittma Gauci kienet *sweater drowning* u *coronary artery atheroma*. Din il-Qorti tħoss illi għandha tipproduċi wkoll il-CASE SUMMARY tal-istess rapport li jgħid hekk:

*'An autopsy was performed on the body of Christine Gauci, on 20th January, 2020, at Gozo Hospital Mortuary, after the authorization by the Magistrate on duty.*

*Autopsy revealed small pleural effusions, froth in the trachea and focal collapse and aeration of the lungs with, on section, congestion and pulmonary oedema. These features are in keeping with seawater drowning.*
*There was no evidence of cerebral artery gas embolism or of barotrauma.*

*There was significant right coronary artery atheroma with 80% stenosis, which is a considerable risk factor for cardiac ischaemia, even though there was no evidence of established ischaemic heart disease. There was also a congenital anomaly of the coronary arteries, which is considered to be a benign variant.'*

L-appellant fir-rikors tal-appell qiegħed jagħti l-interpretazzjoni tiegħu għal xi terminoloġiji bħal per eżempju li r-*right coronary artery atheroma* tfisser arterji difettużi. B'kull dovut rispett, din il-Qorti żgur ma tistax toqgħod fuq dawn it-tip ta' interpretazzjonijiet. Jekk l-appellant xtaq li r-rapport tal-patoloġisti jkun interpretat fi kliem iktar sempliċi jew spjegat f'iktar dettall, dan seta' faċilment itella' lill-istess patoloġisti jixhdu in kontro-eżami iżda mhux jaqbad u jasal għall-konklużjonijiet hu u jgħid li xjentifikament il-*coronary artery atheroma* qatt ma setgħet tkun konsegwenza għas-*sea water drowning,* mingħajr ma jissustanza dak li qed jgħid b'evidenza konkreta. Min-naħa l-oħra l-espert Dr. Charles Azzopardi fir-rapport tiegħu a fol. 245 tal-proċess jgħid hekk:

*'Pulmonary barotrauma with ensuing air embolization to the cardiac arteries cannot be excluded as neither the thoracic cavity nor the heart vessels were opened under water to visualize any escaping air. <u>This, coupled with a cardiac event following vasospasm and/or air bubble embolization to the right coronary artery resulting in dysrhythmia and</u>*

*loss of consciousness, still remain the two most probably pathological mechanisms which ultimately resulted in loss of air supply, loss of airway and subsequent final drowning*.'

Għaldaqstant, din il-Qorti qegħda tiċħad l-ewwel aggravju hekk kif imressaq mill-appellant.

**It-tieni aggravju** mressaq mill-appellant jirrigwardja l-fatt li l-Ewwel Qorti ma kellha qatt tistrieħ esklussivament fuq il-konklużjonijiet ta' espert li ġie nominat fl-inkjesta maġisterjali u li mar ben oltre n-"nomina" u l-kapaċitajiet tiegħu. Din il-Qorti tista' tinnota illi l-espert legali Dr. Jean Paul Grech fil-konklużjoni tar-rapport tiegħu rrimarka illi ma kienx hemm lok fuq bażi ta' *prima facie* li jittieħdu xi passi kriminali kontra xi persuna. Min-naħa l-oħra Dr. Charles Azzopardi filwaqt li qal li l-fatti primarji u kontributorji tal-mewt kienu attribwibbli lill-vittma Gauci, l-appellant kellu xorta jirrispondi għal negliġenza u ommissjoni. L-Ewwel Qorti sabiex waslet għad-deċiżjoni tagħha ta' ħtija kontra l-appellant jidher li straħet prinċiparjament fuq ir-rapport ta' Azzopardi. Jirriżulta illi l-espert Dr. Charles Azzopardi, huwa tabib, mandankollu għamel użu minn xi argumenti legali fir-rapport tiegħu. Għaldaqstant, l-appellant qiegħed jargumenta illi stante li s-sentenza appellata hija msejsa unikament u esklussivament fuq opinjonijiet ta' natura legali mogħtija minn persuna li ma għandha l-ebda kwalifiċi f'dan il-kamp, hu għandu jiġi liberat mill-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Din il-Qorti tgħaddi mill-ewwel sabiex tgħid illi skont l-Artikolu 656 tal-Kodiċi Kriminali, ġudikant mhux marbut li jistrieħ fuq konklużjoni ta' perit:

*656. Min għandu jiddeċidi mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-persważjoni tiegħu.*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **<u>Il-Pulizija vs Akram Amar Swayah</u>**[24] deċiża fit-8 ta' Mejju, 2006 intqal:

*Huwa minnu illi l-espert nominat mill-Qorti ddikjara illi l-ferita in kwistjoni kienet ta' natura hafifa, ghaliex fil-fehma tieghu, peress li l-imputat [recte: il-vittma] huwa ragel ta' hamsa u erbghin sena u ghandu l-gangala, ma dehrlux li kellu jikklassifikaha bhala ferita ta' natura gravi.*

*Il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 656 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` min ghandu jiddeciedi, mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu. F'dan il-kaz il-Qorti rat di viso l-vittma u kkonstatat li l-ferita in kwistjoni hija wahda visibbli minn distanza normali u skond listess Doctor Dino Vella Briffa, tinhass ukoll."*

*Minn dan jidher li l-Ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda spropozitu legali jew logiku. Hija kellha kull dritt tinnomina perit u kull dritt taccetta jew ma taccettax kwalunkwe opinjoni li avvanza limsemmi perit. Difatti, nonostante li l-perit gie nominat mill-Qorti specifikatament sabiex jezamina lil P.S. 951 Joseph Tonna (artikolu 650 tal-Kap. 9), l-artikolu 656 jghid testwalment:*

---

[24] Appell Kriminali Numru. 124/2005

***"Min ghandu jiddecidi mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."***

*Ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet anke toqghod ghall-fehma ta' Dr. Dino Vella Briffa li l-offiza li garrab P.S. 951 Joseph Tonna "tinhass", u ma toqghodx ghall-fehma tieghu illi tali offiza ma tikkostitwix sfregju galadarba hija stess ikkonstatat illi l-offiza in kwistjoni "hija wahda visibbli minn distanza normali". Skond gurisprudenza ormai pacifika difatti, il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin" (ara Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Spagnol,** 12 ta' Settembru 1996, Vol. LXXX.iv.279).'*

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ **<u>Il-Pulizija (Spettur Carmelo Magri) vs George Xuereb</u>**[25]_ippreseduta mill-Aġent President Imħallef Joseph A. Filletti u l-Imħallfin Albert J. Magri u Geoffrey Valenzia fid-deċiżjoni tal-25 ta' Frar, 2011 intqal:

*"... anke tenut kont tal-inkarigu tieghu, jinghad li fid-dawl tal-gurisprudenza kostanti f'dawn l-ahhar snin, il-Qorti thoss fi kwalunkwe kaz it-talba ma tistax tigi milqugha peress li kif inghad fis-sentenzi hawn citati tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "**Nazzareno sive Reno Zarb vs Avukat Generali**" (Q.K. – 31 ta' Ottubru 2003) u "**Melchior Spiteri vs Avukat Generali**" (Q.K. – 31 ta' Ottubru 2003) il-Qorti thoss illi l-analizi taghha, jekk tieqaf hawn, tkun inkompleta u ghalhekk skorretta. Skont dawn l-istess principji nuncjati f'dawn is-sentenzi johrog car illi din il-Qorti ghandha tqis l-*

---

[25] Appell Ċivili Numru. 24/2008/1

*assjem tal-provi kollha, u hija l-istess Qorti li ghandha tezercita l-irwol taghha ta' supervizjoni u ghandha taghmel evalwazzjoni tal-provi kollha mressqa quddiemha. Ghalhekk ghandha l-liberta` tiskarta l-opinjoni tal-esperti anke jekk mahtura minnha* ***(artikolu 656 tal-Kap. 9)*** *u l-partijiet ghandhom id-dritt iressqu l-provi taghhom."*

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs John Borg**[26] tat-13 ta' Lulju, 2006 deċiża mill-Imħallfin Joseph A. Filletti, Gino Camilleri u David Scicluna fejn kien dikjarat li:

*Wara kollox, is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali jiddisponi testwalment li:*

*"Fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun tinhtieg hila jew sengha specjali [fit-test ingliz]: special knowledge or skill], ghandha tigi ordnata perizja."*

*Sabiex persuna jkollha hila jew sengha specjali mbaghad, mhuwiex mehtieg, ghall-finijiet ta' din id-disposizzjoni tal-ligi, li dik il-persuna tkun akkwistat tali hila jew sengha unikament permezz ta' studji formali fil-branka partikolari. Bhalma naqraw* ***f'Blackstone's Criminal Practice 2001***[27]*, "whether a witness is properly qualified in the subject calling for expertise is a question for the court. Such competence or skill may stem from formal study or training, experience, or both". Fis-sentenza tas-South Australia Supreme Court fl-ismijiet*

---

[26] Appell Kriminali Numru 22/1997.
[27] Para. F10.3 paġna 2120.

*__R. v. Bonython__ (1984) 38 S.A.S.R. 45, citat f'Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003*[28]*, King C.J. qal:*

***"Where the witness possesses the relevant formal qualifications to express an opinion on the subject, an investigation on the voir dire of his methods will rarely be permissible on the issue of his qualifications. There may be greater scope for such examination where the alleged qualifications depend upon experience or informal studies.... Generally speaking, once the qualifications are established, the methodology will be relevant to the weight of the evidence and not to the competence of the witness to express an opinion....***

***If the qualifications of a witness to give expert evidence are in issue, it may be necessary to hear evidence on the voir dire in order to make a finding as to those qualifications...."***

*Fil-ligi taghna l-esperti ma jigux maghzula mill-partijiet (ghalkemm jistghu jintalbu mill-partijiet) izda jigu nominati mill-Qorti, li hi 'l fuq mill-partijiet. Jekk espert hekk nominat ghandux verament il-kwalifiki li jipprofessa li ghandu, jekk ghandux verament 'hila jew sengha specjali' (Art. 650(1)) hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt, f'dan il-kaz ghall-gurati. __Hu proprju ghalhekk li l-ligi tipprovdi li l-gudikant tal-fatt "mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu" (Art. 656).__ Konsegwentement il-kwistjoni ta' jekk il-Professur Hector Galea kienx*

[28] Para. 10-65 paġna 1234.

*l-ahjar espert li seta' jingieb f' dan il-kaz kienet kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gurati, u dwar dan, kif ser naraw, il-gurati gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri.*

*F'dan il-kaz, il-Professur Galea gie mistoqsi mid-difiza jekk hux forensic odontologist u hu wiegeb li hu dentist u li jahdem fil-forensika. Din il-Qorti hi a konoxxenza tal-fatt illi l-imsemmi Professur Galea m'ghandux kwalifiki formali fl-odontologija izda taf ukoll illi ghandu snin konsiderevoli ta' esperjenza f'dan il-qasam. Issir referenza f'dan ir-rigward ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament komposta fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Pollacco*** *moghtija fl-1 ta' Dicembru 2005, u, bhalma ntqal f'dik is-sentenza, hawn ukoll tghid li ma tara l-ebda raguni sabiex tghid li l-Professur Hector Galea ma kellux il-kwalifiki mehtiega biex jikkonduci x-xoghol kollu mehtieg skond l-inkarigu li kien gie moghti mill-Magistrat Inkwerenti u li, fl-ahhar mill-ahhar, il-gurati kienu dejjem liberi li jaslu ghal konkluzjoni differenti u ma jaccettawx l-opinjoni tieghu.'*

Madanakollu u bla preġudizzju għas-sentenzi ċitati *supra*, is-sentenza fl-ismijiet **Roseanne Galea u John David Galea vs L-Avukat Ġenerali u L-Kummissarju tal-Pulizija**[29] tipprovdi s-segwenti:

*'Huwa ben risaput illi f'materja ta' prova peritali, l-insenjament ġurisprudenzjali huwa fis-sens li,* ***għalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-ġudikant bħal kull prova oħra u li l-Qorti mhijiex tenuta li taddotta l-konklużjonijiet peritali***

[29] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Frar 2017 (rikors nru. 30/15MCH).

***kontra l-konvinzjoni tagħha, jibqa l-fatt li l-Qorti m'għandiex tiskarta l-konklużjonijiet tal-esperti tekniċi, speċjalment fuq materja purament teknika, b'mod leġġer jew kapriċċjuz, u kwalsiasi ġudizzju li jmur kontra l-konklużjonijiet peritali għandu jkun motivat sewwa.'***[30]

Din il-Qorti temmen illi meta espert jagħti opinjonijiet li għalihom ma jkollu l-ebda kwalifika, hija raġuni motivata biżżejjed għaliex ġudikant m'għandux jistrieħ fuqhom. Iżda, din il-Qorti ma tqabilx li s-sentenza appellata hija msejsa biss fuq opinjonijiet ta' natura legali mogħtija minn persuna li m'għandha ebda kwalifiċi u dan stante li hija bbażata fuq anke fehmiet li mhux legali. Għaldaqstant għal din ir-raġuni ma jistax jiġi konkluż illi l-appellant għandu jiġi liberat għal din ir-raġuni u għalhekk din il-Qorti qegħda wkoll tiċħad it-tieni aggravju tal-appellant.

**Fit-tielet aggravju** tiegħu l-appellant jgħid illi l-Qorti tal-Maġistrati erronjament tat importanza lill-proċedura magħrufa bħala *buddy system*. L-espert Dr. Charles Azzopardi spjega illi '*the whole scope of the diving buddy system is for the two divers to be close to each other to assist each other in any untoward event during the dive*'. Huwa minnu illi din il-Qorti m'għandhiex quddiemha l-ebda set ta' regolamenti li jistipulaw kif taħdem il-*buddy system*, madankollu, anke mid-definizzjoni li ta l-espert Azzopardi, din il-Qorti tinterpreta, anke mill-isem tas-sistema nnifisha, li żewġ individwi jkunu hemm għal xulxin sabiex jassistu lil xulxin, madanakollu ma jfissirx li dawn huma responsabbli għal xulxin. Din il-Qorti hi tal-fehma illi dan it-tip ta' każ żgur ma jistax per eżempju jiġi kkumparat ma' xufier li jkun qed isuq vettura b'mod negliġenti u jtajjar persuna li tkun qegħda taqsam it-triq. L-appellant ma kienx qiegħed jaġixxi

[30] Ara wkoll **Il-Pulizija vs Emanuel Micallef,** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Novembru, 2020.

f'isem xi kumpanija bħala *instructor* mal-vittma, iżda jirriżulta li dawn kienu jkunu ħbieb li jinżlu jgħoddsu flimkien u li kienu għamluha diversi drabi qabel. Għaldaqstant din il-Qorti temmen illi t-tielet aggravju tal-appellant għandu jiġi milqugħ.

Finalment, **ir-raba' aggravju** mressaq mill-appellant jirrigwardja l-fatt illi l-appellant ma kien bl-ebda mod negligenti fl-aġir tiegħu u l-*coronary artery atheroma* rikontrata fid-decujus mal-patoloġisti ma kinitx fi kwalunkwe każ, prevedibbli. Din il-Qorti mhux ser tagħmel bħall-Ewwel Qorti u tistrieħ prinċiparjament fuq dak li qal ix-xhud Dr. Charles Azzopardi. L-appellant kellu raġun meta rrimarka illi espert li huwa tabib ma kellux jesprimi opinjonijiet legali. Inoltre, il-Qorti temmen fil-konklużjoni li kien wasal għaliha l-espert legali Dr. Jean Paul Grech u cioe' li *prima facie* ma kellhomx isiru proċeduri kriminali kontra terza persuni f'dan ir-rigward. Għas-skans ta' ħafna ripetizzjoni, issir referenza għax-xhieda u l-ġurisprudenza kollha ċċitati *supra.* Din il-Qorti mhix tal-fehma illi l-appellant aġixxa b'mod negliġenti. Apparti li l-appellant Castillo assista lill-vittma Gauci fl-intoppi kollha li ltqagħet magħhom fl-ilma, anke qabel niżlu fl-ilma hu kien qiegħed jagħmel ic-*checks* kollha neċessarji sabiex jiżgura li jkunu siguri. Hu saħansitra kien anke taha xi ċomb minn tiegħu meta sabet diffikulta' fl-ilma, iżda meta sparat 'il fuq hu ma setax jitlaq dirett warajha u dan għaliex kif xehed l-appellant u ġie kkonfermat mill-espert Vella Brincat, kieku dan għamel hekk kien ikun hemm żewġ fatalitajiet u mhux waħda. Għalhekk din il-Qorti temmen li l-appellant ma kienx negliġenti f'dan ir-rigward u għalhekk ma setax jipprevjeni dan l-inċident milli jsir.

Għalkemm kif diġa' ġie ritenut iktar 'il fuq, il-*contributory negligence* ma teżonarax terzi persuni milli jinstabu ħatja, din il-Qorti ma tistax ma ssemmix illi l-vittma Gauci kienet għaddasa esperjenzata u saħansitra anke *instructor*; kienet ilha ma torqod għal iktar

minn għoxrin (20) siegħa u għalhekk kienet għajjiena u għalkemm fetħulha għajnejha għal darba darbtejn sabiex ma togħdosx hi baqghet tinsisti sabiex tagħmel dan;  kif ikkonfermat mix-xhud Joseph Caruana, il-vittma stess xi ħmistax (15) -il ġurnata qabel kienet qaltlu li għandha problemi bid-*drysuit* u dan saħansitra widdibha sabiex ma tagħmilx *dives* aggressivi;  l-espert Lino Vella Brincat ikkonferma wkoll illi d-*drysuit* kienet waħda mill-ikbar problemi li kien hemm u fost affarijiet oħrajn qal li din kienet kbira għall-vittma.  F'dan il-punt din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **The Police va Paulina Kurowska**[31] fejn f'każ simili fejn l-akkużata ġiet liberata, il-Qorti tal-Maġistrati kkunsidrat is-segwenti:

> *'**There is not a shred of evidence that the accused was wrong in her assessment of the situation**. Nor can it be forgotten that it was her employer who having assured himself that there were no currents on the wreck's site, in turn informed her that the dive can proceed. Such a decision largely hinged on the fact, as corroborated by the very same divers when testifying in the course of the inquiry, **that the group was made up of no amateur divers. The diving experience of the deceased himself deserves underlining since here there was no beginner but a man having done 61 dives with the deepest dive being that of 29 metres whilst the dive being led by the accused was going to be to a depth of 25 metres***
>
> …
>
> ***Another detail which seems to have not been picked upon by the defence, and even more by the learned court expert who hastily***

[31] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati nhar l-1 ta' Novembru, 2018.

***attributes blame on the accused by concluding she was unfamiliar with the currents which hit the area, relates to the fact that surfacing was only meant to take place once the exit point was reached "… the important thing in those conditions is the exit point and the entry point. If the exit point and the entry point is safe then we dive, if it is not safe the exit and the entry we don't dive. Simple as that ….. The wind was predicted 4 to 5 West which is a normal procedure there to dive, even 6 never mind 4 to 5, there was a bit of a swell. The swell is not a problem, it is only a problem if you surface. If you surface then it is a problem, but if you stay down, which unfortunately they couldn't stay ……[since] One of the divers I believe a French lady started going up she was a bit low on air and everybody had to go up"***

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qegħda tiċħad l-ewwel u t-tieni aggravji, filwaqt li tilqa' t-tielet u r-raba' aggravji mressqa mill-appellant u għaldaqstant tirrevoka u tħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti u tillibera lill-appellant Arthur Castillo minn kull ħtija u piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

**Imħallef**

(ft) Mary Jane Attard

**Deputat Reġistratur**

Vera Kopja

Għar-Reġistratur